MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1511/2001/1

**Joseph M. Vella u l-kumpannija J.M. Limited**

**v.**

**Vella Brothers Limited, Saviour Vella, George Vella, Paul Vella, Alfred Vella, Sebastian Vella u Nazzareno Vella, kif ukoll Express Trailers Limited ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

Il-kawza odjerna hija bbazata fuq l-Artikolu 402 ta’ l-Att XXV ta’ l-1995 dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan ghaliex fir-rikors promotur ipprezentat fl-10 ta’ Settembru 2001, ir-rikorrent Joseph M. Vella sostna li “l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew b’mod oppressiv, ingustament diskriminatorju u ingustament pregudizzjevoli fil-konfront tieghu u partikolarment biex jigu stultifikati u ffrustrati l-pretensjonijiet tar-rikorrent ghar-rigward l-ishma fl-istess kumpannija li dwarha diga istitwixxa proceduri gudizzjarji”. Din il-Qorti sejra tirriproduci d-decizjoni tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-16 ta’ Dicembru 2003 billi din fiha hemm migjuba t-talbiet tar-rikorrenti, ir-risposta tal-intimati, riassunt tal-provi li gew prodotti u tal-argumentazzjoni tal-partijiet, kif ukoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti, li biha akkoljiet it-talba tar-rikorrenti, bil-motivazzjoni relattiva. Id-decizjoni tghid hekk: -

**“Il-Qorti,**

“Rat ir-rikors ippresentat minn Joseph M. Vella u l-kumpannija J.M. Limited fl-10 ta’ Settembru, 2001, li in forza tieghu wara li ppremettew illi dan ir-rikors qed isir mir-rikorrent bhala azzjonista minoritarju fil-kumpannija Express Trailers Limited (numru ta’ registrazzjoni C 4278) u ta’ Vella Brothers Limited (numru C 7368) ghat-tenur tal-Artikolu 402 tal-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpanniji stante li l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew b’mod oppressiv, ngustament diskriminatorju u ngustament pregudizzjevoli fil-konfront tieghu u partikolarment biex jigu stultifikati u ffrustrati l-pretensjonijiet tar-rikorrent ghar-rigward l-ishma fl-istess kumpannija li dwarha diga’ istitwixxa proceduri gudizzjarji, kif ghandu d-dritt sagrosant li jaghmel. Illi l-elementi rikjest mill-imsemmi Artikolu 402 huma sodisfatti kif se jinghad.

“Ipremettew illi r-rikorrenti huwa azzjonista minoritarju fiz-zewg kumpanniji imsemmija. Fil-kumanija Express Trailers Limited, il-kumpannija rikorrenti J.M. Limited ghandha sehem wiehed tal-valur nominali ta’ lira (LM1.00) minn kapital azzjonarju ta’ hamsa u sebghin elf (75,000) azzjoni ta’ lira (LM1) l-wahda mentri l-ishma rimanenti

jappartjenu lill-kumpannija Vella Brothers Limited. Fil-kumpannija Vella Brothers Limited, ir-rikorrenti ghandu mitejn (200) sehem minn kapital azzjonarju ta' elf u sitt mitt (1,600) sehem tal-valur nominali ta' ghaxar lira (LM10) kull sehem li huma maqsumin ugwalment bejn ir-rikorrenti u hutu l-intimati Saviour Vella, George Vella, Paul Vella, Alfred Vella, Sebastian Vella, Nazzareno Vella, kif ukoll huh l-iehor Frans Vella;

"Ipremettew illi ntlahaq ftehim ta' riorganizazzjoni ghar-rigward il-kumpannija fuq imsemmija u kumpannija ohra tal-ahwa Vella (Emmanuel Vella & Sons Limited) u l-assi taghhom, liema ftehim gie anke approvat permezz ta' risoluzzjoni mghoddija f'laqgha generali straordinarja tal-kumpannija intimata Vella Brothers Limited fl-10 ta' Gunju, 1998 (kopja annessa bhala Dokument A), li permezz tieghu inter alia l-ishma kollha fil-kumpannijia Express Trailers kellhom jigu trasferiti mill-kumpannija intimata Vella Brothers Limited lir-rikorrenti u lil huh Frans Vella biex il-kapital azzjonarju intier f'Express Trailers Limited jigi jappartjeni kollu kemm hu lill-imsemmija esponenti Joseph M. Vella u Franz Vella ugwalment bejniethom. Dan il-ftehim kien beda mill-ewwel jigi implementat, attwat u ezegwit tant illi saru diversi arrangamenti (inkluz trasferiment ta' immobli minn kumpannija ghal ohra) u thallsu wkoll pagamenti sostanzjali (f'April, Awissu u Dicembru 1999) li jlahhqu s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin elf u hamsa u hamsin lira (LM544,055) da parti tar-rikorrenti u huh Frans Vella ghat-tenur tal-istess ftehim.

"Ipremettew illi, d-data effettiva tal-bidu tal-ftehim kien l-1 ta' Jannar, 1999 tant li kienu nghalqu l-kontijiet ta' Express Trailers Limited sa Dicembru, 1998 u thallsu d-*'dividends'* relattivi. Effetivament minn dik id-data, it-tmexxija, gestjoni u t-tgawdija tal-kumpanniji rispettivi gew vestiti kif miftiehem u cioe' Express Trailers Limited giet effetivament f'idejn ir-rikorrent u huh Frans Vella mentri s-sitt ahwa l-ohra intimati Vella mexxew u gawdew u ghanhom imexxu u jgawdu separatament l-assi l-ohra (inkluz progett li jinvolvi kostruzzjoni fil-"*yard*" f'Hal-Farrug)

minghajr ma assolutament kien hemm l-involviment tar-rikorrent u huh Frans Vella;

“Ipremettew illi l-kumpannija intimata Vella Brothers Limited kif ukoll Emmanuel Vella & Sons Limited, manipolati mill-maggoranza li ghandhom fihom sitt ahwa Vella intimati, minghajr ebda raguni issa qed jirrifjutaw jottemperaw ruhhom ma ftehim, u qed iwaqqfu il-kompletament tal-imsemmi ftehim u bhala rizultat ir-rikorrent istitwixxa proceduri gudizzjarji permezz ta’ citazzjoni fl-ismijiet Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Limited et (Cit. Nru. 1221/01 JRM appuntata ghas-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2001) fejn talab li l-Qorti tordna lill-kumpanniji Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Limited sabiex jottemperaw ruhhom mal-ftehim fuq imsemmi u biex tigi konkluza l-implimentazzjoni tal-istess ftehim (kopja annessa bhala Dok D);

“Ipremettew illi biex ikomplu jostakolaw l-implimentazzjoni tal-ftehim u jistultifikaw u jiffrustraw anke ezitu favorevoli ghar-rikorrent tal-kawza fuq imsemmija issa l-imsemmija sitt intimati ahwa Vella permezz tal-posizzjoni taghhom qua diretturi tal-kumpanniji Express Trailers Limited u Vella Brothers Limited u permezz tal-maggoranza li ghandhom fl-imsemmija kumpanniji relattivi qed jiddistribwixxu bejn kulhadd il-profitti u l-flejjes tal-kumpannija Express Trailers Limited (kif jirrizulta mill minuti tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija Express Trailers Limited hawn annessi bhala Dok B u C) qabel ma tinqata’ l-kawza li istitwixxa ir-rikorrent, mentri l-ftehim kien, li nonostante li t-trasferiment tal-ishma fuq imsemmija ma gie formalment konjuz, il-beneficcju tal-operazzjonijiet tal-varji kumpanniji kellu jkun gawdut mill-partijiet rispettivi kif miftiehem u kif fil-fatt kien diga’ beda jsir u cioe’ minn Jannar 1999.

“Ipremettew illi dan l-agir huwa oppressiv, ingustament diskriminatorju u ingustament pregudizzjevoli fil-konfront tar-rikorrent stante li permezz tal-maggoranza li ghandhom l-intimati ahwa Vella fil-kumpanniji intimati ser ikomplu jinhargu l-flus mill-kumpannijia Express Trailers Limited (qabel ma tigi trattata u deciza l-kawza li istitwixxa

ir-rikorrent) biex b'hekk il-valur tal-imsemmija kumpannija taghha u l-beneficcju tal-operazzjonijiet kummercjali taghha li skond il-ftehim ghandhom jappartjenu u jigi gawduti mir-rikorrenti u huh Frans Vella minn Jannar 1999 ser jigi mehud mis-sitt ahwa intimati Vella kontra l-ftehim biex b'hekk jigu sostanzjalment ffrustrati u stultifikati il-pretensjonijiet tar-rikorrent li qed igib il-quddiem legittimament permezz tal-kawza fuq imsemmija.

"Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att (XXV) ta' l-1995 dwar il-kumpanniji, ir-rikorrenti bhala azzjonista minoritarju fil-kumpannija Express Trailers Limited u Vella Brothers Limited talbu bir-rispett illi din il-Qorti jogobgha tinibixxi jew tipprojbixxi lill-intimati milli jiddistribwixxu kwalunkwe profitti, fondi jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers sew jekk bhala "*'dividends'*" jew b'mod iehor sakemm tigi deciza l-kawza fuq indikata u cioe' Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Limited et (Cit. Nru. 12211/01 JRM appuntata ghas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2001).

"Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

"1. Preliminarjament l-attur m'ghandux *locus standi* stante li din l-azzjoni hi disponibbili lil azzjonista biss, u r-rikorrent mhuwiex azzjonista tas-socjeta' Express Trailers Limited u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti ssib l-ewwel punt tal-esponenti mhux korrett, jew f'kaz li l-atti jigu b'xi mod korretti, preliminarjament ukoll jigi osservat li avolja kawza taht l-art. 402 tal-Kap. 386, tigi promossa permezz ta' rikors, fin-natura taghha tibqa' kawza normali u m'ghandhiex in-natura ta' procedura kawtelatorja, bhal ma huwa l-kaz ta' r-rikorsi ghall-hrug ta' mandati li jridu f'kull kaz jigu segwiti b'kawza fil-mertu. Proceduri taht l-art. 402 m'ghandhomx ghalfejn jigu hekk segwiti stante li huwa r-rikors promotur li fil-fatt jikkostitwixxi l-intavolatur tal-kawza stess. Dana ma jfissirx li, fil-kuntest ta' kawza taht l-art. 402 tal-Kap. 386, ir-rikorrent ma jistax jitlob rimedji interlokutorji jew

kawtelatorji; huwa fundamentali pero', li f'kull kaz, meta jigi ppresentat rikors taht l-Artikolu 402, ir-rikors irid jigi trattat bhala kawza fil-mertu, u ghalhekk ir-rikorrent irid jaghmel it-talbiet finali u mhux biss dawk kawtelatorji. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jitlob biss rimedju ta' natura kawtelatorja, u cioe' li din il-Qorti "joghobha tinibixxi jew tipprojbixxi lill-esponenti milli jiddistribwixxu kwalunkwe profitti, fondi, jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers Limited sew jekk bhala '*'dividends"* jew b'mod iehor **sakemm tigi deciza l-kawza fuq indikata u cioe' Joseph M. Vella vs Vella Brothers Limited et (cit. Nru 1221/01JRM appuntata ghas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2001).** Bir-rispett huwa sottomess illi dan mhux permess hlief f'kuntest ta' talba sostantiva taht l-art. 402, talba li hi ghal kollox nieqsa; ghalhekk l-intimati ghandhom jigu leberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li dina l-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet preliminari tal-esponenti mhumiex korretti, jew f'kaz li l-att jigu b'xi mod korretti, mhux minnu illi l-affarijiet tas-socjeta' Express Trailers qeghdin jitmexew b'mod oppressiv, ngustament diskrimatorju u/jew ngustament pregudizzjevoli fil-konfront tal-azzjonisti u/jew ta' xi azzjonista partikolari.

*"4. Dato ma non concesso*, li r-rikorrent huwa azzjonista ta' sehem wiehed fis-socjeta' Express Trailers Limited, kif skorrettament jinghad fir-rikors guramentat tar-rikorrent, dan huwa wiehed biss minn kapital azzjonarju tal-istess socjeta' ta' 75,000 sehem, li minnhom is-74,999 huma kollha ta' Vella Brothers Limited. Ghandu jigi rilevat illi fil-fatt dan is-sehem qieghed jinzamm f'isem azzjonista iehor u mhux f'isem Vella Brothers Limited stante li fi zmien li saret il-kumpannija Express Trailers Limited ma kienx possibili li l-azzjonijiet kollha ta' socjeta kummercjali jinzammu f'isem azzjonista wiehed, pero' din kienet biss kwistjoni ta' konvenjenza tal-promoturi originali ta' Express Trailers Limited u fil-fatt dak is-sehem ghandu jitqies li qieghed jinzamm minn J.M. Limited bhala fiducjara ta' Vella Brothers Limited u jew tal-ahwa Vella kollha. Huwa abbusiv li r-rikorrent jipprova juza rimedju

eccezzjonali bhal ma huwa dak provdut fl-Art. 402 tal-Kap. 386 fuq il-bazi li huwa ghandu sehem wiehed minn 75,000 (u fil-fatt m'ghandu xejn) u abbazi ta' dik il-pretensjoni jippromwovi dawn il-proceduri. Ghal kull fini u effett il-kumpannija Express Trailers Limited ghandha tigi meqjusa bhala socjeta' b'azzjonista uniku.

“5. **L-Ezistenza ta' Ftehim**

“a. L-bazi kollha tar-rikors promotur hija l-pretensjoni, kompletament infondata, tar-rikorrent li jezisti xi tip ta' ftemim bejn l-istess rikorrent u Vella Brothers Limited u l-ahwa Vella fir-rigward ta' xi riorganizazzjoni tal-kumpanniji indikati fir-rikors promotur. Minghajr mal-esponenti jidhlu fil-mertu in kwistjoni ta' dina l-allegazzjoni purament infondata, jinghad biss illi l-ezistenza o meno ta' ftehim huwa proprju l-mertu ntavolata mill-istess rikorrent Joseph M. Vella quddiem din il-Qorti, liema kawza qeghda tigi debitament kontestata mill-konvenuti kollha citati in kawza.

“b. Huwa l-argument stess tar-rikorrent li biex forsi jistgha jsostni t-terzi tieghu t'agir, ngustament diskriminatorju u ngustament pregudizzjevoli, jrid bilfors l-ewwel jipprova li jezisti xi ftehim, prova li ma jistax jaghmel stante li bhala fatt ma jezisti l-ebda ftehim.

“c. Mhux il-kax f'dawn il-proceduri li l-esponenti jergghu jtennu ir-ragunijiet kollha ghaliex ma hemm l-ebda ftehim, kif allegat mir-rikorrent, u dana ghaliex ir-ragunijiet kollha huma diga elenkati fin-fota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata ntavolati fil-kawza fl-ismijiet Josepj M. Vella vs Vella Brothers Limites et (Cit. Nru. 1221/01 JRM), u ghalhekk sejrin jillimitaw ruhhom li jannettu kopja tal-istess ma din ir-risposta li qeghda tigi mmarkata LdG2.

“d. Kif diga' ntqal qabel, it-talba tar-rikorrent tippresuponi l-ezistenza ta' ftehim. Din it-talba ma tistax tigi milqugha anki ghaliex biex din il-Qorti tilqa' l-istess talba trid bilfors issib li jezisti l-ftehim allegat, punt li huwa l-mertu ta' kawza ohra pendenti quuddiema u li qeghda

tigi kontestata. Fil-kaz li r-rikors promotur jigi milqugh ikun gie kompletament ezawrit il-meritu ta' dik il-kawza bla ma dik tkun hadet il-kors normali taghha u minghajr ma' jkunu nstemghu il-partijiet kif jixraq.

***"6 'Dividends'***

"a. It-talba tar-rikorrent hija li din il-Qorti "joghgobha tinibixxi jew tipprojbixxi lill-esponenti milli jidistribwixxi kwalunkwe profitti, fondi, jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija express Trailers Limited sew jekk bhala *'dividends*" jew b'mod iehor **sakemm tigi deciza l-kawza fuq indikata u cioe' Joseph M. Vella vs Vella Brothers Limited et (cit. Nru 1221/01JRM appuntata ghas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2001)**". Din hija talba biex il-Qorti tintervjeni u tuza d-diskrezzjoni taghha minflok l-organi kompetenti tal-kumpannija li huma vestiti b'dik l-istess diskrezzjoni u awtorita mill-ligi.

"b. Hija l-prassi stabbilita, li ghandha l-gheruq taghha fil-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta illi huma d-diretturi li ghandhom ir-rwol jiddeterminaw x'*'dividends'* ghandhom jithallsu u x'distribuzzjonijiet ghandhom isiru lill-azzjonista tas-socjeta'. L-azzjonisti imbaghad ghandhom il-jedd li japprovaw ir-rakkomandazzjonijiet tad-diretturi jew li m'ghandhomx. F'kaz illi l-azzjonisti jridu jqassmu '*dividends'* dffereti minn dawk rakkomandati, jistghu biss iqassmu ammont anqas, pero' mhux aktar, minn dak rakkomandat.

"c. Hija l-umli sottomissjonijiet tal-esponenti li t-tqassim ta' *'dividends'* lill-azzjonisti la hija u lanqas tista' tkun agir oppressiv, ngustament diskriminatorju, ngust u lanqas pregudizzjevoli fil-konfront tieghu bhala membru; fl-ewwel lok ghaliex kif intqal qabel fil-fatt mhux membru, pero' ukoll ghax huwa jiehu sehmu tal-istess qasma; pero' zgur li lanqas u anqas hija jew tista' tkun ta' pregudizzju u ngusta fil-konfront tal-azzjonisti l-ohra u tal-kumpannija in generali, meta l-azzjonista l-ohra kollha approvaw il-qasma ta' *'dividends'.*

"d. Ghandu in oltre jigi rilevat illi bhala regola generali kumpanniji jitmexxew skond ir-rieda tal-maggoranza, kemm fil-laqghat tal-azzjonisti kif ukoll fil-laqghat tad-diretturi. Dan il-principju jibqa' dejjem il-*punto di partenza*. In olter, dan il-principju ghandu aktar u aktar forza fic-cirkostanzi prezenti meta wiehed jikkunsidra dak li ntqal fil-paragrafu 4 hawn fuq fejn is-socjeta' Vella Brothers Limited, mhix biss azzjonista maggoritarja izda ghandha titqies bhala l-azzjonista uniku.

"e. F'dan il-kuntest huwa sinifikattiv li wiehed jirrileva li normalment cirkostanzi fejn hemm tqassim ta' *'dividends'* mhumiex cirkostanzi idonei ghall-proceduri odjerni, anzi membri ta' socjeta' normalment jinkorru ghall-proceduri bhal dawk mir-rikorrent f'cirkostanzi opposti ghal dawk postulati mir-rikorrent fir-rikors promotur, u cioe' fejn il-maggoranza f'kumpannija topprimi lill-minoranza billi b'uzu jew abbuz tal-voti maggoritarji tiddeciedi li ma jitqassmux *'dividends'* u mhux meta il-maggoranza tqassam *'dividends'* lill-azzjonisti skond semhom.

"f. M'ghandiex ghalhekk din il-Qorti tintervjeni f'cirkostanza meta l-maggoranza qeghda sempliciment tuza d-drittijiet lilha koncessi mil-ligi fil-parametri appositi u fejn ma jezisti l-ebda abbuz minn dawk id-drittijiet u l-mod ta' kif jigu ezercitati.

**"7. Il-Procedura taht l-Art. 402 tal-Kap 386**

"a. Ir-rimedju li l-art. 402 tal-kap. 386 huwa ntiz li jipprovdi huwa lill-azzjonista f'socjeta' li jilmenta minn agir oppressiv, ngustament diskriminatorju u/jew ngustament pregudizzjevoli fil-konfront tieghu bhala azzjonista ta' dik is-socjeta'.

"b. Issa, fil-kaz odjern dan mhux il-kaz. Apparti li kif diga ntqal ir-rikorrent mhux azzjonista fis-socjeta' Express Trailers, lanqas l-ilment tieghu m'huwa qieghed isir fil-kapacita' tieghu ta' membru jew azzjonista. In effett l-ilment tar-rikorrent huwa li bbazat fuq allegazzjoni li jezisti ftehim (li ma jezistix) ma Vella Brothers Limited u l-ahwa Vella u li dawn ta' l-ahhar mhumiex qeghdin jonoraw l-

allegat ftehim. Fejn jistaqsu l-esponenti huwa l-agir oppressiv taghhom fil-konfront tar-rikorrent inkwantu membru?

“c. L-ilment tar-rikorrent huwa wiehed li m’ghandu x’jaqsam xejn mal-fatt li huwa membru izda huwa wiehed ta’ pretensjoni fil-konfront tal-esponenti fil-kapacita t’allegat kompratur ta’ 50 fil-mija tal-ishma f’Express Trailers Limited. Dan mhux ilment li jista’ jgawdi mir-rimedju dispost fl-Art. 402 tal-Kap. 386 u r-rimedji jistghhu jkunu ohrajn, bhal ma jaf ben tajjeb ir-rikorrent li diga’ ntavola ad hoc f’dan ir-rigward;

“d. Il-Qorti m’ghandhiex bhala mizura kawtelatorja, tordna li ma jigix ezercitat dritt inderogabbli, ghax (i) ir-rikorrent jidhirlu li jezisti xi ftehim; (ii) l-azzjonisti l-ohra fis-socjeta’ ezercitaw id-drittijiet taghhom fil-parametri gusti taghhom; u (iii) ir-rikorrent m’ghandu fil-fatt l-ebda ilment li l-agir tas-socjeta’ huwa oppressiv u ngustament pregudizzjevoli izda biss ilment in kwantu allegat kumpratur ta’ 50 fil-mija tal-ishma f’express Trailers Limited. Pero’, *data ma non concesso* illi fil-kaz odjern ir-rikorrent jimmeritah rimedju, dan ma jistax ikun rimedju kawtelatorju jew interlokutorju biss izda rimedju ahhari wara li jipprova b’ezami akkurat tal-provi kollha fil-kors tal-kawza, li d-dritt tal-azzjonista Vella Brothers Limited gie abbuzat.

“Ghar-ragunijet suesposti u ohrajn li jigu rilevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet tar-rikorrent Joseph M. Vella ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess Joseph M. Vella.

“Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ April, 2002, li in forza taghha laqghet it-talba tar-rikorrenti biex isiru korrezzjonijiet u ziediet fl-occhio tar-rikors u fil-korp ta’ l-istess;

“Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ April, 2002, li fih id-difensur tal-intimati irtira l-ewwel eccezzjoni;

“Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Dicembru, 2002, li in forza taghha cahdet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimati u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjes ta’ din id-decizjoni jkunu riservati ghal-gudizzju finali;

“Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**“Ikkunsidrat;**

“Illi f’din il-kawza, r-rikorrenti qed jinvokaw l-Artikolu 402 ta’ l-att ta’ l-1995 dwar il-kumpanniji, sabiex jitolbu rimedju fis-sens li din il-Qorti twaqqaf lill-intimati milli jaghmlu distribuzzjoni ta’ kwalunkw profitti, fondi jew flus appartenenti lill-kumpannija Express Trailers sew jekk bhala ‘dividends’ jew b’mod iehor, u dan sakemm tigi deciza l-kawza li l-istess rikorrenti fethu kontra uhud mill-intimati sabiex jigi onorat il-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar, 1999. Ir-rikorrenti ccarraw it-talba taghhom fis-sens illi, qua azzjonisti fil-kumpannija Express Trailers, u qua akkwirenti prospettivi tal-isthma kollha f’din il-kumpannija (bis-sahha ta’ ftehim li gie anke approvat permezz ta’ resoluzzjoni mghoddija f’laqgha generali straordinarja tal-kumpannija Vella Brothers Limited fl-10 ta’ Gunju, 1998), il-kumpannija Express Trailers tigi mizmuma milli din tghaddi xi flus jew dividends lis-socjeta’ intimata l-ohra Vella Brothers Ltd; mhux il-hsieb li b’dawn il-proceduri jzzommu lil din l-ahhar kumpannija milli hi tqassam dividends, izda li zzomm biss lill-kumpannija Express Trailers milli tqassam xi flus. Dan qed jinghad fil-kuntest tas-seba eccezzjoni tal-intimati fejn qed jigi sottomess li r-rikorrenti jridu juru li huma jistghu isofru pregudizzju bhala azzjonisti fis-socjeta li kontra taghha qed jintalab il-hrug ta’ ordni taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Fil-fatt, ir-rikorrenti huma digia azzjonisti fis-socjeta’ Express Trailers, u peress li qed jallegaw li huma

ghandhom ftehim biex jakkwistaw l-isthma kollha f'din is-socjeta', jridu li sakemm jigi attwat dak il-ftehim, l-istess socjeta' ma tberbaqx l-assi u l-profitti taghha f'distribuzzjoni ta' dividends jew b'mod iehor. Dan l-agir, mhux biss jista jippregudika l-interessi tar-rikorrenti bhala azzjonisti attwali u futuri ta' dik is-socjeta', izda jista' u ghandhu jitqies "kontra l-interessi tal-membri in generali", kif kontemplat fl-indikat Artikolu 402 tal-Kap. 386, u dan peress li tali distribuzzjoni ta' flus jew assi tista' tippregudika l-operat tal-ftehim li terzi u l-azzjonisti f'din il-kumpannija ghandhom ghall-akkwist tal-isthma kollha fl-istess kumpannija. Il-membri in generali ghandhom interess jippreservaw l-assi kollha tal-kumpannija Express Trailers, u dan fil-kuntest tal-ftehim li huma stess dahlu fih ghar-reorganizazzjoni tal-kumpannija.

"L-azzjoni tar-rikorrenti hija bazata fuq l-allegat ftehim li kellu jidhol fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1999. Dan il-ftehim huwa l-bazi tar-rimedju mitlub mir-rikorrenti u l-qofol tal-interess li jista jkollhom ir-rikorrenti biex jitolbu r-rimedju kawtelatorju li qed jitolbu b'dawn il-proceduri. Fil-fatt, l-ezistenza u l-meritu tal-ftehim qed jigi debattut f'kawza ohra bejn il-partijiet (citazzjoni numru 1221/01), u mhux kompitu ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri li tiddeciedi jekk jezisthiex il-ftehim allegat, u f'kaz affermattiv, x'inhuma l-effetti tieghu; kif inghad, dan hu meritu ta' kawza ohra, u, ghal-fini ta' dawn il-proceduri, jkun bizzejjed jekk jirrizulta li *prima facie* jezisti l-ftehim li fuqu ir-rikorrenti qed jistriehu. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari taghha tat-12 ta' Dicembru, 2002, l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 jaghti poter lill-Qorti taghti kull rimedju li jidhrilha li jkun opportun, "inkluz, allura, rimedju u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-*istatus quo* sakemm tigi mistharga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija". Mid-decizjoni ta' din il-Qorti f'din il-kawza l-azzjoni gudizzjarja *per se* m'ghandhiex u mhux sejra tigi pregudikata, u dan peress li d-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-meritu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-meritu.

“Fil-fehma ta’ din il-Qorti, mill-provi prodotti ghandu jinghad li bejn il-partijiet inholoq bazi ta’ ftehim li hu rifless fir-rizoluzzjoni straordinarja li saret fl-10 ta’ Gunju, 1998. B’din ir-rizoluzzjoni ittiehdet id-decisjoni li n-negozju tal-grupp jinqasam, bil-kumpannija Express Trailers tibda tinhadem mill-ahwa Joseph u Frans Vella biss, u l-ahwa l-ohra jiehdu l-bqija tan-negozju tal-grupp. L-intimat Saviour Vella, fil-fatt, jammetti li meta saret l-approvazzjoni tal-proposta, dik kienet “tikkostitwixxi biss approvazzjoni fil-principju” tal-mod dwar kif kienu ser joperaw ‘l quddiem. Jista’ jkun li kellhom isiru hafna negozjati ohra biex jigi finalizzat il-ftehim, u jista’ jkun li dak il-ftehim ‘fil-principju’ kien ghadu nieqes wisq minn dettalji biex ikun jista jservi bhala bazi ghal-ezekuzzjoni tieghu, izda forma ta’ ftehim kien hemm, u fil-waqt li l-effetti ta’ dak il-ftehim iridu jigu trattati u decizi f’gudizzju separat, ghall-fini ta’ dawn il-proceduri hemm qbil li, ‘fil-principju’, kien sar qbil li l-grupp jigi diviz, u kwindi sakemm tigi determinata l-portata ta’ dak il-ftehim, u l-effetti tieghu, hu zgur fl-interess tar-rikorrenti li l-isthma tas-socjeta’ li fuqha sar qbil fil-principju li jigu assenjati lilu, ma jispiccawx bla valur.

“Kien il-hsieb ukoll ta’ wiehed mill-intimati, espress waqt il-laqgha tal-10 ta’ Gunju, 1998, li d-*dividends* tal-kumpanniji, li taghhom kienet sejra ssir il-reorginazazzjoni, jinqasmu biss “*up to the time of this meeting”,* bl-iskop li meta ssir il-qasma, kull parti issib fin-negozju li se tigi assenjat lilu l-profitti kollha li jkunu saru mill-kumpanniji wara dik il-laqgha.

“Anke jekk, fi proceduri ohra, jista jigi deciz li l-ftehim milhuq mhux dettaljat bizzejjed li jista jigi attwat, xorta wahda jista jkun hemm rimedji ohra ghar-rikorrenti, u xorta wahda, allura, jista jkun hemm lok li s-socjeta’ Express Trailers ma tnaqqarx mill-assi taghha billi tqassam il-profitti f’*dividends*. Li, fil-fatt, gie milqugh “bazi” ta’ ftehim hu ammess anke mill-intimat Sebastian Vella, u meta jkun hekk, hu importanti li l-partijiet ikomplu jinnegozjaw ‘in buona fede’ u li ma jaghmlu xejn li b’xi mod jippregudikaw id-diskussjonijiet futuri. Kif osservat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet “Spiteri vs Associated Supplied

Ltd” eventwalment deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-20 ta’ Ottubru, 2003, pronunzjament li maghha din il-Qorti taqbel pjanament, “Illi fit-trattattivi prelimari bejn venditur u kompratur, huwa l-onus tal-partijiet li jidhlu ghal dawn it-trattattivi b’animu limpidu u b’buona fede assoluta li ghandhom izzommuhom tul it-trattattivi u anke oltre l-konsolidament kontrattwali”.

“Jista’ jkun li ghad fadal x’jigi diskuss bejn il-partijiet dwar id-dettalji tal-arrangament li gie miftiehem, u jista jkun ukoll li dawn in-negozjati ghad ifallu, pero`, fil-frattemp il-buona fede li l-kontendenti ghandhom jadoperaw fil-konfront ta’ xulxin, jesigi li ebda naha ma taghmel xi haga li biha turi n-nuqqas ta’ impenn taghha li tersaq ghall-kuntratt finali.

“Apparti dan jidher li ftit jew wisq, il-partijiet, jew uhud minnhom, bdew jaghtu effett lill dan il-ftehim billi l-partijiet bdew jiehdu interess esklussiv fil-kumpannija li kellhom imexxu skond il-ftehim, u billi anke saru xi trasferimenti ta’ proprjeta immobbli u saru, da parti tar-rikorrenti, hlasijiet akkont tas-somma ta’ ekwiporazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tithallas mal-qasma. Fil-fatt, skond il-presupposti tal-ftehim, ir-rikorrenti li kienu se jiehdu t-tmexxija tal-kumpannija Express Trailers taht idejhom, kellhom ihallsu ekwiparazzjoni ta’ LM1,250,000 u sakemm inqala inkwiet serju bejn il-kontendenti, kien gia thallsu LM544,055 minn din is-somma. L-intimati jaghtu xejra differenti lil dawn ic-cirkostanzi ta’ fatt, pero`, l-intimat Saviour Vella ma eskludiex, u anzi jammetti, li l-hlasijiet saru “bhala manifestazzjoni ta’ fiducja u buona volonta` waqt in-negozjati, u li f’kaz illi n-negozjati kienu konkluzi u jigi ffirmat ftehim, il-pagament jittiehdu akkont tal-prezz li kellu jithallas”. Dan juri li r-rikorrenti kienu, fil-fatt, qed jagixxu ‘in buona fede’ u jattwaw partijiet mill-ftehim biex iwettqu t-triq ghal-qasma definittiva, u dak li hu mistenni mill-intimati huwa li huma wkoll jagixxu ‘in buona fede’ u jagixxu b’mod li jiffacilitizaw il-konkluzzjoni tal-ftehim u mhux mod iehor.

“Jidher, fil-fatt, illi sakemm il-partijiet tlewwmu minn ma xulxin, bil-mod il-mod, bdew jwittu t-triq biex issir ir-reorganizazzjoni tal-kumpannija, u dan a bazi tal-principji

tal-ftehim milhuq waqt il-laqgha tal-10 ta' Gunju, 1998. Kwindi ma jistax jinghad li bejn il-partijiet ma kien intlahhaq xejn u kollox baqa' miexi bhas-soltu; xi forma ta' arrangament kien sar u jaqbel, allura, li sakemm in-natura ta' dak l-arrangament jigi ben definit, ma jsirux hlasijiet jew *disbursements* mis-socjeta Express Trailers. It-trasferiment tat-*trailer yard* gewwa Hal-Farrug hija ndikazzjoni pozittiva li l-partijiet, fil-fatt, bdew jghatu effett lill-"ftehim" ta' reorganizzazzjoni, u dan it-trasferiment ma jistax jinghad li sar fil-kors normali tan-negozju tal-grupp. Kwindi, jezistu elementi li jwasslu lil din il-Qorti tahseb li, almenu *prima facie*, qafas ta' ftehim kien sar, u ghalkemm fadal x'kellu jigi diskuss dak seta' jew ma setghax jaffettwa l-validita` tal-ftehim. Din, pero`, hi materja li ghandha, u fil-fatt, qed tigi diskussa f'sede iehor.

"Ghalhekk, din il-Qorti, fuq bazi *prima facie*, thoss li r-rikorrenti huma intitolati ghar-rimedju provisorju kontemplat fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa t-talbiet rikorrenti u tinibixxi u tipprojbixxi lill-intimati milli b'xi mod jiddistribwixxu jew jiddisponu bi kwalunkwe profitti, fondi jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers Limited sew jekk bhala dividends jew b'mod iehor, u dana zgur sakemm tigi deciza b'mod definittiva l-kawza "Joseph M. Vella et. vs Vella Brothers Ltd. et" (citazzjoni numru 1221/01), sallum pendenti quddiem dawn il-Qrati.

"Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-intimati in solidum bejniethom."

**<u>L-APPELL TA' VELLA BROTHERS LIMITED ET</u>**

2. L-intimati hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2003, u appellaw kemm mid-decizjoni fil-mertu kif ukoll mil-provvediment moghti minn dik il-Qorti fid-digriet taghha tas-26 ta' April 2002, u mis-sentenza parzjali tat-12 ta' Dicembru 2002 (mhux 2003, kif indikat fir-Rikors ta' l-appell), u dan fuq l-aggravji segwenti:–

**L-AGGRAVJU DWAR ID-DIGRIET TAS-26 TA' APRIL 2002**

3.1 Fir-rigward tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fis-26 ta' April 2002, l-appellanti jissottomettu li l-korrezzjoni mitluba mill-appellati u kif akkordata mill-Qorti, cioe` biz-zieda ta' J.M. Limited bhala parti fil-kawza, ma taqax fil-parametri ta' dak li hu permess mill-Artikolu 175 tal-Kap. 12 u ma kellhiex tigi akkordata mill-Qorti, ghaliex gabet bdil mhux biss fl-isem tal-parti li intavolat ir-rikors promotorju, izda permezz ta' l-istess zdied rikorrent totalment gdid flimkien ma' Joseph M. Vella. Jghidu li Joseph M. Vella ma kellux *locus standi* biex jintavola l-proceduri taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 u ghalhekk l-azzjoni kif originarjament proposta kienet mankanti mill-interess gudizzjarju necessarju biex tigi promossa u ghalhekk inqeda bl-Artikolu 175 tal-Kap. 12 sabiex jissana azzjoni li hu qatt ma seta' jistitwixxi. L-appellanti jsostnu li indubbjament mhux l-iskop ta' l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 li jigu rezi validi atti u proceduri li huma nulli jew li jistghu jkollhom effett sostanzjali fuq id-difiza u l-eccezzjonijiet tal-kontro-parti.

3.2 Skond l-appellanti jirrizulta li anke l-Qorti kienet bejn haltejn dwar l-effett li seta' jkollha l-korrezzjoni awtorizzata tant li fl-istess digriet qalet li tul il-kawza kien dover ta' Joseph M. Vella u ta' J.M. Limited li jiccaraw liema mix-xiljiet qed isiru minn liema rikorrent u fir-rigward ta' liema intimat sabiex l-istess intimati jkunu jistghu jiddefendu ruhhom. Tul il-proceduri izda, qatt ma saret id-distinzjoni imposta mill-Qorti da parti ta' l-appellati, u l-appellanti ghadhom konfuzi liema mir-rikorrenti qed jallega xhiex fil-konfront ta' min mill-appellanti. Dan jidher car ukoll min-Nota ta' Osservazzjonijiet pprezentata mill-appellati quddiem il-Prim Awla, fejn f'diversi okkazzjonijiet ma jinftehimx ghal min qed issir riferenza meta tintuza l-kelma 'rikorrenti'. Tali konfuzjoni dehret anke meta ngiebu l-provi tul il-kawza fejn din id-distinzjoni ma saret qatt.

**L-AGGRAVJU DWAR IS-SENTENZA IN PARTE TAT-12 TA' DICEMBRU 2002 DWAR IT-TIENI ECCEZZJONI MQAJJMA MILL-INTIMATI**

4.1 L-appellanti jsostnu li l-iskop wara t-tieni eccezzjoni mressqa minnhom ma kien qatt li b'xi mod jigi limitat l-iskop tar-rimedji disponibbli taht l-Artikolu 402 jew il-poteri tal-Qrati li jaghtu dawk ir-rimedji pjuttost wiesa' taht l-istess artikolu, jew li taghmel xi 'disservice' lill-azzjonista minoritarju billi taghlaq il-bieb miftuh mil-legislatur, izda f'dan il-kuntest ghandha ssir distinzjoni netta bejn in-***natura ta' l-azzjoni*** u r-***rimedji possibbli***, distinzjoni li ma jidhirx li saret mill-Qorti.

4.2 L-azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tipprovdi, dejjem skond l-appellanti, lill-azzjonist ta' socjeta` kummercjali li jhoss ruhu aggravat mill-operat tas-socjeta` minhabba agir oppressiv, b'mod mhux gust diskriminatorju, jew b'xi mod mhux gust ta' pregudizzju, rimedju kontra l-agir allegat, u r-rikorrent ghandu jipprova tali agir mill-kumpannija jew minn azzjonisti ohra. Ghalhekk, fil-kaz in ezami r-rikorrenti kellhom igibu l-prova li l-hlas ta' dividends kienu b'xi mod jikkostitwixxi agir ipprojbit mill-Artikolu 402, prova li naqsu li jaghmlu u li lanqas giet ikkunsidrat fis-sentenza tal-Prim Awla.

Huwa biss wara li jigi determinat li l-azzjoni partikolari taqa' fil-parametri ta' l-Artikolu 402 li r-rimedji ferm wiesgha komminati mill-istess artikolu huma disponibbli ghall-Gudikant, rimedji li jinkludu wkoll il-possibilita` li jinghataw direttivi interlokutorji u/jew kawtelatorji.

4.3 L-appellanti inoltre jissottomettu li l-azzjoni naxxenti mill-Artikolu 402 hija ntiza bhala azzjoni ta' sostanza fiha nnifisha u li ghandha tkun immirata biex tindirizza l-mertu in disputa bejn il-partijiet, u huwa fl-isfond ta' tali azzjoni sostantiva li huwa possibbli li l-Qorti, kemm fuq talba specifika, jew jekk jidrilha opportun, taghti direttivi jew ordnijiet kawtelatorji sakemm jigi deciz il-mertu jew is-sostanza tal-vertenza dedotta fl-istess procedura. L-azzjoni taht dan l-artikolu hija wahda sostantiva u ghandha hajja indipendenti. Zgur mhux il-kaz li minghajr ebda pretensjoni fuq mertu jew sostanza tintuza l-procedura taht l-Artikolu 402 esklussivament bhala mizura kawtelatorja u azzjonista minoritarju ma jistax jinqeda b'din id-disposizzjoni biex jikkawtela pretensjoni li hija

mertu ta’ kawza ohra, kif qed isir fir-rikors odjern. F’kazijiet bhal dak odjerni, fejn l-azzjonist qed jitlob biss ordni ta’ natura kawtelatorja, minghajr ma jaghmel talba fuq il-mertu, ghandu juza r-rimedji ohra disponibbli, ossija l-mandati kawtelatorji, u b’hekk ikun jista’ jikkawtela l-pretensjoni tieghu li l-mertu taghha jkun qed jigi diskuss u deciz f’kawza ohra.

Ghal dawn ir-ragunijiet tali decizjoni ghandha tigi mhassra u revokata.

**<u>L-AGGRAVJI DWAR IS-SENTENZA FINALI TAS-16 TA’ DICEMBRU 2003</u>**

5.1 L-appellanti jissottomettu li l-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddecidiet li “tinibixxi u tipprojbixxi lill-intimati milli b’xi mod jiddistribwixxu jew jiddisponu bi kwalunkwe profitti, fondi jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers Limited sew jekk bhala dividends jew b’mod iehor, u dana zgur sakemm tigi deciza b’mod definittiv il-kawza **Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et** (citazzjoni 1221/01) sal-lum pendenti quddiem dawn il-Qrati.”

5.2 Jillanjaw illi l-Qorti ta’ l-ewwel grad ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta hija ddeterminat li l-livell ta’ prova ghall-ezistenza o meno tal-ftehim bejn il-partijiet kellu jkun wiehed *prima facie*, stante li l-Kap. 12 jistabilixxi l-grad ta’ prova bhala dak tal-preponderanza ta’ provi, hlief fil-kaz tal-Mandat ta’ Inibizzjoni u certi mandati ohra. Il-Qorti ma setghetx tiddetermina livell ta’ prova differenti minn dak impost mil-ligi stante li kawza bbazata fuq l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, hija kawza normali li ghandha ssegwi l-kors normali procedurali. Jghidu li l-ezistenza o meno ta’ tali ftehim hija l-qofol tal-kawza u l-Qorti ma tistax tiehu decizjoni gusta jekk ma tidholx fil-fond fuq il-kwistjoni tal-ezistenza o meno tal-ftehim, li huwa l-mertu ta’ kawza ohra li ghadha pendenti quddiem il-Qrati u ghalhekk ir-rimedju mitlub taht l-Artikolu 402 ghandu jinghata biss, jekk jinghata, meta tinqata’ l-kawza l-ohra u jigi deciz jekk hemmx ftehim jew le li jorbot lill-partijiet. Ghaldaqstant il-grad ta’ prova determinat u applikat mill-

ewwel Qorti mhux kif rikjest mil-ligi u kull decizjoni li saret fuq din il-bazi hija msejsa fuq bazi zbaljata u ghandha tigi mhassra.

5.3 L-appellanti jillanjaw ukoll li anke li kieku kellu jigi koncess li l-ewwel Qorti kellha s-seta' li tiddetermina hi l-grad ta' prova fil-proceduri odjerni, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi tali ftehim kien jezisti, u ghalhekk lanqas il-provi prodotti ma jsostnu d-decizjoni tal-Qorti. Ghalkemm f'certi cikostanzi livell ta' prova *prima facie* jfisser grad ta' prova inqas minn dak rikjest fil-kors normali tal-proceduri gudizzjarji, dan ifisser li r-rizultanzi tal-provi jridu jidhru mad-daqqa t'ghajn u minghajr ma ssir analizi dettaljata tal-fatti u tac-cirkostanzi. Ghalhekk, jekk l-ezistenza tal-ftehim kellu jidher mad-daqqa t'ghajn, l-appellati ma kellhomx ghalfejn igibu provi identici ghal dawk prodotti fil-kawza fuq il-mertu. L-appellati, izda thallew igibu provi li sahansitra ma kienu jwasslu bl-ebda mod ghad-determinazzjoni ta' jekk kienx hemm oppressjoni jew diskriminazzjoni taht l-Artikolu 402, izda biss dwar jekk kienx hemm ftehim u meta imbaghad l-appellanti xtaqu jaghmlu l-istess provi huma gew ristretti milli jaghmlu dan ghaliex intqal li l-livell ta' prova kellu jkun wiehed biss *prima facie*, liema decizjoni ittiehdet wara li kienu nghalqu l-provi tar-rikorrenti. Dan l-aggravju hu abbinat ma' dak li jinghad fil-paragrafi 25 sa 27 tar-rikors ta' l-appell dwar rikors prezentat quddiem l-ewwel Qorti li baqa' mhux degretat.

5.4 L-appellant jissottomettu wkoll li l-Qorti ta' l-ewwel grad applikat il-ligi hazin ghall-fatti kif ippruvati, u dan fuq zewg punti fundamentali –

i) l-ezistenza o meno tal-ftehim;

ii) in-nuqqas ta' applikabilita` ta' l-Artikolu 402.

5.5 L-appellanti jissottomettu li huma jsibuha difficli jifhmu kif il-Qorti ta' Prim Istanza waslet ghall-konkluzzjoni li hemm *prima facie* prova ta' ftehim. Il-Qorti kellha tara jekk mad-daqqa t'ghajn kienux jezistu l-elementi kollha biex il-ftehim ikun validu. Isostnu li bejn il-partijiet ghall-

allegat ftehim certament ma kienx hemm qbil fuq l-oggett u kien hemm partijiet ta’ natura importanti li kien ghad jonqos jigu diskussi ulterjorment. Kien hemm biss il-qafas ta’ ftehim, fatt li l-partijiet kollha qablu fuqu, tant li l-appellanti ezercitaw atti ‘in buona fede’ sabiex dak il-ftehim eventwalment jigi finallizzat. Izda l-Qorti kellha tezamina jekk kienx hemm ftehim, mhux qafas ta’ ftehim, kif fil-fatt ghamlet. Ftehim *prima facie*, ghandu jidher mill-ewwel li jgawdi mill-erba’ elementi elenkati fl-Artikolu 996 tal-Kap 16, u dawn ma kienux prezenti.

5.6 L-appellanti ghalhekk hassewhom ingurjati bil-fatt li l-Qorti l-ewwel qalet li kien hemm *prima facie* qafas ta’ ftehim u sussegwentement ikkonkludiet illi l-validita` tal-ftehim huwa mertu ta’ kawza ohra. Dan mhux il-kaz, ghaliex il-kawza l-ohra titratta dwar l-ezistenza o meno ta’ ftehim u mhux dwar li hemm ftehim, il-validita` ta’ liema qeghda tigi kontesta. L-ewwel Qorti kellha tara jekk kienx hemm *prima facie* ftehim, liema analizi tinnecessita valutazzjoni ta’ jekk dak il-ftehim hux validu jew le. Hu difficli tifhem kif jista’ jkun hemm decizjoni tal-Qorti li tghid li hemm *prima facie* evidenza ta’ ftehim pero` thalli d-determinazzjoni tal-validita` ta’ tali ftehim ghall-Qorti diversament presjeduta. Skond huma, ftehim *prima facie* xorta ghandu jissodisfa l-elementi kollha tal-validita` mehtiega mil-ligi u li ghalhekk ir-ragunijiet kemmxejn skarsi moghtija mill-Qorti ta’ l-ewwel grad f’dan ir-rigward ghandhom jergghu jigu kkunsiderati u jigu revokati.

5.7 L-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti ccitat bhala bazi ta’ l-argumenti taghha decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Spiteri v. Assosciated Supplies Ltd** fejn intqal li t-trattavi ghandhom isiru b’animu limpidu u bi “buona fede” assoluta. L-ewwel Qorti ziedet tispjega li l-“buona fede” ghandha tkompli anke jekk ikun ghad fadal x’jigi diskuss bejn il-partijiet u anke jekk tali negozjati ifallu fi stadju aktar avvanzat. Jghidu li l-ewwel Qorti sostniet illi kien hemm *prima facie* qafas ta’ ftehim izda imbaghad li anke jekk in-negozjati jfallu ghandhom jitkomplew ‘in buona fede’. Jissottomettu li l-Qorti ma apprezzatx il-fatt li dawn in-negozjati kienu ilhom li fallew almenu mill-1999, u l-kontenzjoni quddiem l-ewwel Qorti kienet tmur oltre l-

istadju tan-negozjati, pero` titratta l-ezistenza ta' ftehim. Qatt ma gie kontestat jew ingiebu provi li sakemm damu t-trattattivi dawn ma sarux 'in buona fede', izda n-negozjati fallew, nonostante li l-partijiet xtaqu jaslu ghall-ftehim u mhux kif qalet l-ewwel Qorti u cioe` li "jista' jkun ukoll li dawn n-negozjati ghad ifallu."

5.8 Jissottomettu li l-ewwel Qorti kienet ikkonkludiet illi kien hemm qafas ta' ftehim u ghaldaqstant ghaddiet biex taghti r-rimedju mitlub taht l-Artikolu 402, minghajr ma analizzat jekk fil-fatt ir-rikorrenti gewx opressi jew diskriminati skond it-termini ta' dan l-artikolu. Fis-sentenza ma hemm imkien xi indikazzjoni li seta kien hemm xi agir li jaqa' fil-parametri tal-projbizzjoni ta' l-Artikolu 402. L-ewwel Qorti kellha tanalizza l-ezistenza o meno tal-ftehim u l-applikabbilita` ta' l-Artikolu 402 u r-rimedju mitlub. Fuq dan it-tieni punt izda, la ghamlet kundsiderazzjoni u wisq inqas tat spjegazzjoni – is-semplici fatt li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm *prima facie* ftehim, fatt li hu kkontestat, ma jfissirx li r-rikorrent ghandu d-dritt awtomatiku ghal rimedju taht l-Artikolu 402, u ma tirrizulta ebda prova dwar dan. L-ewwel Qorti kienet obbligata tara jekk hemmx il-"legitimate expectations" li r-rikorrenti allegaw li kellhom biex taghti r-rimedju rikjest. Ir-rikorrenti stess ma rnexxielhomx isostnu din it-tezi fil-konfront ta' l-appellanti stante li ma gabux prova tal-pregudizzju allegatament soffert minnhom bhala azzjonisti. L-appellati ttentaw jipprovaw li qeghdin jipprotegu l-interessi taghhom bhala membri, meta fil-fatt ipprovaw jinqdew bil-posizzjoni taghhom ta' membri biex jipprotegu l-interessi taghhom personali bhala akkwirenti potenzjali tal-kumpannija Express Trailers Limited. Dan mhux permess fl-isfond tar-rimedju eccezzjonali kkontemplat fl-Artikolu 402, u anke jekk wiehed kellu jipprova jinterpreta b'latitudni kbira d-duttrina ingliza f'dan il-kuntest ma jasalx biex jiggustifika l-protezzjoni ta' dritt jew interess li mhux intitolat ghalih bhala membru.

5.9 Ghalhekk talbu lill-Qorti li tirrevoka d-digriet tas-26 ta' April 2002, is-sentenza in parte tat-12 ta' Dicembru 2002 kif ukoll s-sentenza finali tas-16 ta' Dicembru 2003.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI JOSEPH M. VELLA ET**
**DWAR ID-DIGRIET TAS-26 TA' APRIL 2002**

6.1 L-appellati wiegbu li l-konvenuti ma jistghux jappellaw minn dan id-digriet stante li immedjatament wara li dan inghata, l-appellanti rtiraw l-ewwel eccezzjoni, cioe` li r-rikorrent Joseph M. Vella mhuwiex azzjonista ta' Express Trailers Limited, liema eccezzjoni pprovokat it-talba ghall-korrezzjoni. L-irtirar ta' din l-eccezzjoni tikkostitwixxi accettazzjoni da parti taghhom tal-korrezzjoni mitluba mir-rikorrent.

6.2 Inoltre, mhux minnu li minghajr il-korrezzjoni mitluba, il-kawza kienet nulla ghaliex "mankanti mill-interess guridiku". In fatti, l-azzjoni giet proposta sew fil-konfront ta' Express Trailers Limited kif ukoll ta' Vella Brothers Limited li hija s-socjeta` li ghandha l-kontroll ta' Express Trailers ltd, stante li ghandha 74,999 ishma mill-75,000 ishma f'din is-socjeta`. Ir-rikorrent J. M. Vella ghandu wiehed minn tmienja ta' l-ishma tas-socjeta` Vella Brothers Limited u kienet din is-socjeta` li hadet id-decizjoni, permezz tar-rizoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998 li jkun hemm ir-riorganizazzjoni tal-kumpanniji ta' l-ahwa Vella. Ghaldaqstant ir-rimedju mitlub xorta jista' jinghata fil-konfront tas-socjeta` Vella Brothers Limited favur ir-rikkorent Joseph M. Vella biex tali socjeta` ma tapprovax jew ma tiddistribwix profitti jew flus ta' jew appartenenti jew provenjenti minn Express Trailers Limited. Il-korrezzjoni giet mitluba biex is-socjeta` J.M. Limited, li hija kontrollata kompletament mir-rikorrenti, tizdied stante li ghandha sehem wiehed mis-socjeta` Express Trailers Ltd.

6.3 Skond l-appellati l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 huwa wiesa' u jippermetti li jissewwew l-izbalji li jaqghu fil-parametri ta' l-artikolu. Fost l-ezempji hemm imsemmija li huwa permissibbli li "jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku". Korrezzjoni simili hija ghalhekk *prima facie* permissibbli, sakemm ma tbiddilx "fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza." Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti s-sustanza ta' l-azzjoni ma hiex se tinbidel. Is-sustanza ta' l-azzjoni, kif

kontenuta fir-rikors promotorju, hija li l-intimati ma jiddistribwux profitti, fondi jew flus qabel ma tigi deciza l-kawza bic-citazzjoni numru 1221/01, u z-zieda ta' J.M. Limited bhala rikorrenti ma' Joseph M. Vella, liema socjeta' hija fil-kontroll ta' l-istess rikorrenti li huma l-beneficcjarji ta' l-ishma taghha, mhux se tbiddel l-azzjoni fis-sustanza.

6.4 Lanqas hemm bidla fis-sustanza tal-"eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza". Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti, qabel ma gie emendat l-Artikolu 175 ma kienx permess li ssir korrezzjoni jekk din kienet ser taffetwa xi eccezzjoni. Dan izda kien ser jistultifika l-iskop ta' l-artikolu, u cioe' li kemm jista' jkun l-atti jigu salvati u kien ghalhekk li saret din l-emenda li l-korrezzjoni ma tintlaqax biss jekk taffettwa s-sustanza ta' eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. L-eccezzjonijiet fuq il-meritu ma gewx effettwati tant li kollha gew trattatti u sussegwentement decizi fis-sentenza finali tas-16 ta' Dicembru 2003.

6.5 Lanqas ma hu minnu li giet kkrejata konfuzjoni bhala rizultat ta' din il-korrezzjoni. Biex jinhargu flus jew fondi minn Express Trailers Ltd trid tittiehed decizjoni mill-Bord tad-diretturi taghha, liema decizjoni trid tigi approvata mill-membri. Issa s-socjeta` Express Trailers Limited hija kontrollata mis-socjeta` Vella Brothers Limited. Imbaghad fondi li jigu distribwiti lil Vella Brothers Limited, jistghu jigu biss distribwiti wara decizjoni tal-Bord tad-diretturi ta' Vella Brothers Limited, imbaghad mill-ahwa Vella li huma l-azzjonisti ta' din is-socjeta`. Ghalhekk id-decizjonijiet fil-livelli kollha huma minsuga flimkien u fl-ahhar mill-ahhar d-decizjoni taqa' fuq l-ahwa Vella. Ghalhekk l-agir ilmentat mir-rikorrent jirrigwarda l-flus inhargu mis-socjeta` Express Trailers ltd u qed jigu distribwiti tramite s-socjeta` intimata Vella Brothers Limited, lill-appellanti ahwa Vella[1].

**<u>DWAR IS-SENTENZA IN PARTE TAT-12 TA' DICEMBRU 2002</u>**

7.1 L-appellanti qed jittentaw ipoggu limitu ghar-rimedji li tista' taghti l-Qorti, meta tali limiti ma jinstabux fil-kliem

[1] Dok JV 15 u 16

tal-ligi li huma wiesgha u li permezz taghhom il-Qorti, fost affarijiet ohra "tista' taghmel ordni taht dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa: a) li jirregola t-tmexxija ta' l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur; u/jew b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta' xi att propost…" Dan japplika aktar u aktar ghall-artikolu partikolari li kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Ellul v. Ellul pro et noe** "hu ispirat mhux minn kuncetti legalistici izda minn principji ta' ekwita` u gustizzja." F'dan l-ispirtu, r-rimedji li tista' taghti l-Qorti m'ghandhomx jigu cirkoskritti kif qed jipprovaw jargumentaw l-appellanti.

7.2 F'din is-sentenza il-Qorti ddecidiet illi r-rimedju mitlub seta' jinghata minnha taht il-poteri moghtija lilha mill-Artikolu 402 u kien biss fis-sentenza finali li gie deciz illi l-agir ta' l-appellanti kien jaghti lok ghar-rimendju skond l-Artikolu 402 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji. Inoltre, la l-kliem u lanqas l-ispirtu ta' l-artikolu ma jiggustifikaw l-argument ta' l-appellanti li tali azzjoni hija intiza bhala azzjoni ta' sostanza fiha nnfisha u li dan l-artikolu ma jistax jigi uzat bhala mizura kawtelatorja. Bl-argument ta' l-appellanti, l-ordni tal-Qorti ma tistax tkun cirkoskritta ghal zmien jew ghal xi sitwazzjoni partikolari izda trid tkun finali jew ghal dejjem. Jissottomettu li t-talba taghhom ma hijiex kawtelatorja izda giet limitata ghal zmien partikolari sabiex ma jmorrux oltre dak li hu necessarju. L-agir li qed jikkawza pregudizzju huwa precizament li l-maggoranza minflok jistennew l-ezitu tal-kawza kif ghandhom jaghmlu qed juzaw is-sahha taghhom biex jiffrustraw jew ikissru l-"legitimate expectations" tal-appellati, naxxenti mir-rizoluzzjoni straordinarja tal-10 ta' Gunju 1998 u/jew mill-ftehim *de quo* – Dan hu l-"unfair prejudice" allegat minnhom.

**<u>DWAR IS-SENTENZA FINALI TAS-16 TA' DICEMBRU 2003</u>**

8.1 Ir-rikorrenti jissottomettu li l-estremi ta' l-azzjoni odjerna huwa l-hrug u d-distribuzzjoni ta' flus mis-socjeta` Express Trailers Limtied qabel ma tigi deciza l-kawza bin-numru tac-citazzjoni 1221/01, li fiha qed tigi trattata l-ezistenza o meno tal-ftehim, jikkostitwixxi agir li huwa "unfairly prejudicial" ghar-rikorrenti. Kien f'dan is-sens li l-

Qorti qalet li dak li huwa mehtieg hawnhekk hu li jigi ppruvat li *prima facie* hemm ftehim, u dan precizament ghaliex l-ezistenza tal-ftehim ma tikkostitwixxix il-qofol tal-kawza odjerna. Tali direzzjoni tal-Qorti fir-rigward il-provi dwar l-ezistenza tal-ftehim izda, ma jfissirx li hija ddipartiet mir-regoli normali tal-provi f'kawza civili. Il-Qorti semplicement irrikonoxxiet illi l-qofol ta' kawza taht l-Artikolu 402 huwa dak li jigi stabbilit jekk jezistux l-elementi necessarji biex issir ordni taht l-istess artikolu – u cioe` "legitimate expectation" da parti tar-rikorrent *qua* azzjonista tas-socjetajiet intimati u l-"unfair prejudice" konsistenti fit-tbattil tal-fondi mill-kumpannija da parti tal-intimati, qabel ma jigi deciz permezz tal-kawza l-ohra jekk jezistix ftehim.

8.2 Inoltre, l-allegazzjoni ta' l-appellanti li filwaqt li r-rikorrenti thallew igibu provi mentri huma ma thallewx hija nfondata, stante li l-appellanti thallew jipproducu l-provi taghhom, izda huma baqghu jinsistu li l-qofol tar-rikors odjern kien l-ezistenza tal-ftehim. Ghalhekk il-Qorti tat id-direzzjoni in kwistjoni biex il-kawza tigi stradata. Mill-verbali infatti ma jirrizulta ebda opposizzjoni jew talba da parti ta' l-appellanti biex dawn jithallew ittellghu aktar provi. L-appellati jissottomettu inoltre li f'dan ir-rigward ghandha ssir riferenza ghan-Nota ta' ' Osservazzjonijiet minnhom ipprezentata quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad.

8.3 Il-provi mhux talli juru li *prima facie* kien intlahaq ftehim dwar ir-ri-organizazzjoni tal-kumpanniji izda dan il-ftehim kien effettivament qed jigi implementat mill-partijiet kollha u kien ghad jonqos biss li jigi kompletat. Dan gie kkonfermat fir-rapport ta' l-awdituri ghall-accounts tas-sena li spiccat fil-31 ta' Dicembru 1999[2], li sar fl-10 ta' Dicembru 2001 u cioe` wara li nqalghet din il-vertenza bejn il-partijiet u jifforma parti mill-accounts approvati minn Vella Brothers Limited u mill-appellanti ahwa Vella li huma diretturi ta' Express Trailers Limited.

8.4 Din in-nota fir-rapport ta' l-awdituri kellha ssir bilfors ghaliex –

[2] ara Dok JV12 esebiet fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003

i) L-appellanti rcevew u ghadhom sal-lum izommu LM544,055 li thallsu bhala parti mill-ftehim kif jirrizulta mir-ricevuti li thallsu ghal "part of the repayment program re the splitting up the Vella Group."

ii) Gie trasferit it-"trailer yard" f'Hal Luqa minghand Express Trailers ghal Vella Brothers Limited bil-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1999 wara li gie ottenut il-permess minghand is-sid. Dan sar wara ittra mibghuta mill-avukat tal-kumpanniji lill-Kummissarju ta' l-Art li turi li t-trasferiment kien qed isir "minhabba restructuring tal-istess socjetajiet"[3]. Dan kien essenzjali ghal ftehim ghaliex kif xehed Johnathan Vella meta giet ifformolata l-proposta a bazi tal-valutazzjoni tal-awditur it-transfiment tal-yard ittiehed in konsiderazzjoni biex issir l-ekwiparazzjoni.

iii) Gie appuntat Johnathan Vella, iben Sebastian biex jiehu hsieb is-socjeta` Eyre Travel Limited li tappartjeni lil Express Trailers Ltd kwantu ghal nofs l-ishma, li skond il-ftehim kellha tghaddi fuq Vella Brothers ltd u dan skond l-ittra datata 6 ta' Mejju 1999 a fol 217 iffirmata mill-ahwa appellanti u ndirizzata lil Frans u Joseph M. Vella "entity Express Trailers Limited". Dan jindika li s-sitt ahwa kienu jikkunsidraw li Express Trailers kienet ta' J. M. Vella u Frans Vella.

iv) Sebastian Vella gie wkoll appuntat direttur ta' Vella Brothers Ltd ftit qabel il-kuntratt tas-7 ta' Settembru 1999 u dan minghajr ma gew konsultati l-appellat u huh Frans Vella.

v) Kienu qed jigu negozjati tariffi godda ta' haulage bejn is-socjeta` Emm. Vella & Sons Ltd u Express Trailers Limited. Jirrizulta mill-korrispondenza[4] li tali negozjati kienu qed jigu kondotti bejn zewg socjetajiet separati li ghandhom interessi ghal kollox separati, dan minkejja li l-ishma kienu ghadhom ma gewx trasferiti u dan b'rizultat tar-restructuring miftiehem u implimentat fl-1 ta' Jannar 1999.

[3] Dok JV6 a fol 213
[4] ara Dok JV8 a fol 218 u JV9 a fol 220

vi) Permezz ta' rizoluzzjoni bil-firem tas-sitt ahwa appellanti fis-16 ta' Marzu 1999 sar tibdil fil-Memorandum of Association tas-socjeta` Vella Brothers Limited[5], biex is-socjeta` tkun tista' tagixxi bhala "insurance sub-agent" ta' Gasan Insurance. Express Trailers kienet diga` insurance sub-agent ta' Gasan Insurance[6]. Fir-risposta ghal ittra tat-13 ta' Mejju 1999 (fol 218), Saviour Vella in konnessjoni ma' din il-kwistjoni jghid "…we would like to point out to the fact that the above will not certainly affect our business relationship since this is for both parties out of our line of business." Huwa car li l-partijiet kienu effettivament zewg negozji separati kif jirrizulta kemm minn dawn il-kliem kif ukoll mill-fatt li l-ahwa Vella appellanti riedu jottjenuu l-insurance sub-agency ta' l-istess ditta li kellha diga` l-istess arrangament maghha Express Trailers Limited, haga li ma kienx ikun hemm skop ghaliha li kienu z-zewg socjetajiet kienu jifformaw parti mill-istess economic entity.

vii) Fid-9 ta' Marzu 1999 giet awtorizzata pledge ta' assi ta' Emanuel Vella & Sons Ltd ghall-facilitajiet bankarji moghtija lil kumpannija li kienet tappartjeni lill-hamest ahwa Vella eskluzi l-appellat u huh Frans[7] - dan jindika li l-partijiet kienu jikkunsidraw li l-kumpannija Emanuel Vella & Sons ltd hija tas-sitt jew hamest ahwa biss tant li dawn jistghu juzawha biex jottjenu kreditu ghal negozju iehor taghhom. Din infatti kienet il-posizzjoni accetta mill-partijiet mill-bidu tal-1999.

8.5 Il-provi wkoll juru li l-profitti tan-negozju bdew jinqasmu miz-zewg gruppi ta' azzjonisti separati sa mill-1 ta' Jannar 1999. Il-profitti ta' Express Trailers Limited bdew johduhom l-appellat u huh Frans, mentri dawk ta' Vella Brothers Limited u Emanuel Vella & Sons Ltd bdew jittiehdu mill-ohrajn. Inoltre, ghalkemm meta rrefera ghad-dokument a fol 177, Johnathan Vella xehed ma setghax jiftakar jekk il-flus imnizzla taht il-kolonna "withdrawn by 8" hargux qabel jew wara ma beda l-inkwiet bejn il-

---

[5] ara Dok JV10 a fol 222 u x-xiehda ta' Johnathan Vella
[6] ara ittra a fol 218
[7] Dok JV11 a fol 223

partijiet, jirrizulta li dawn il-flus hargu wara li nqala l-inkwiet ghaliex LM160,000 (u mhux LM120,000) hargu fil-25 ta' Jannar 2001[8] u Lm80,000 hargu f'Dicembru 2001 kif jirrizulta mid-dokument JV16. Isostnu li l-ispjegazzjoni ta' l-istess Johnathan Vella li l-ammonti mnizzla taht il-kolonni withdrawn by 5 u withdrawn by 6 fl-istess dokument, huma biss advances li saru lil xi whud mill-azzjonisti minhabba xi progetti li kellhom, ma hijiex kredibbli, peress li mid-dokument JV15 u JV16 jidher car li l-flus taht il-kolonna withdrawn by 8 huma qsim ta' profitti generati minn Express Trailers Limited. Ma taghmilx sens li l-kelma withdrawn uzata fl-istess dokument tfisser zewg affarijiet differenti. Dan apparti, anki li kieku dak li xehed Johnathan Vella kien veru, xorta jibqa' l-fatt li l-pattern jirrifletti dak li ntqal dwar il-kontroll tal-kumpanniji rispettivi. L-appellanti bdew ibattlu l-flus mis-socjeta` Express trailers u jiehdu l-flus taghha wara li nqala l-inkwiet (ara Dok JV15 u16). Dan hu rifless ukoll mill-fatt li kif xehed l-istess Vella Nazzareno Vella kien se jitlaq kompletament min-negozju. Infatti, skond l-istess Johnathan Vella d-diskrepanza bejn l-indikazzjoni "withdrawn by 5" u l-indikazzjoni "withdrawn by 6", "tista' tkun relatata wkoll mal-fatt li Nazzareno Vella kien qed jahseb biex jitlaq min-negozju." Il-fatt li tali flus tnizzlu bhala advances fil-kotba ma taghmilx differenza ghaliex huwa fatt li ghal xi zmien il-flus min-negozju tal-group kienu qed jithallsu skond il-ftehim ta' re-organizazzjoni u skond l-arrangament li kien intlahaq biex Nazzareno Vella jitlaq min-negozju kompletament. Jirrizulta inoltre mix-"schedule" ta' pagamenti li l-ewwel pagament akkont tas-somma miftiehma ta' LM1,250,000 flimkien ma' l-imghax, kellu jsir fl-1 ta' Jannar 1999[9].

8.6 Dan kollu hu rilevanti fl-ambitu ta' l-azzjoni taht l-Artikolu 402 ghaliex l-interess ta' membru ghal fini ta' dan l-artikolu ma huwiex cirkoskritt ghad-drittijiet legali tieghu taht l-istatut tal-kumpannija imma jinkludi l-"legitimate expectation" tieghu naxxenti minn "agreements or understandings between members" (Re Elgindata Ltd (1991)). Anke li kieku ma kienx hemm ftehim (haga li ma

[8] ara Dok JV15 ffirmat mill-ahwa kollha
[9] ara fol 208

hijiex ammessa), il-“legitimate expectations” ma jitnisslux biss mill-ftehim. Hu fatt li l-kumpannija u l-azzjonisti taghhom iddecidew li ghandu jsir restructing u bdew jimplimentawh. Dan sar b’att formali tal-kumpannija, cioe` b’risoluzzjoni f’Laqgha Generali Straordinarja li fiha attendew l-azzjonisti kollha, liema risoluzzjoni ghadha in vigore. Din saret wara bosta snin ta’ diskussjoni bejn l-azzjonisti fuq is-suggett. Skond il-minuti tal-laqgha generali tat-8 ta’ Gunju 1998, l-azzjonisti aggornaw ghall-10 ta’ Gunju “to proceed with a final decision” fuq ir-restructuring tal-kumpanniji. Ir-risoluzzjoni kienet ghaddiet bla ebda vot kontra, ghalkemm kien hemm zewg astensjonijiet u dan nonostante l-oggezzjonijiet li kienu tqajjmu. Jidher ghalhekk li l-partijiet kollha, inkluzi l-azzjonisti individwali kollha, kienu konsapevoli illi jekk il-proposta tghaddi, ir-reorganization kif kontemplata kellha tigi implimentata. Dan certament johloq “legitimate expectations” li jitnisslu biss mill-posizzjoni ta’ l-appellat J. M. Vella qua membru ta’ Vella Brothers Limited li ghandha l-kontroll tal-kumpannija Express trailers Limited. Is-socjeta’ J. M. Limited li hija kontrollata mill-appellat, hija azzjonista tas-socjeta` Express trailers Limited.

8.7 Jishqu li l-“unfair prejudice” huwa evidenti. L-appellanti qed ibattlu lis-socjeta` Express Trailers Ltd mill-flus, meta kien miftiehem li d-data effettiva tal-bidu tar-riorganizazzjoni hija l-bidu tas-sena 1999. Jekk johorgu hafna flus sakemm tigi deciza l-kawza 1221/01 ser ikun difficli ferm li s-socjeta` Express trailers Ltd tkun fil-posizzjoni li suppost kienet fiha li kieku giet kompletata r-riorganizazzjoni kif kontemplata fil-ftehim u r-risoluzzjoni straordinarja. Ghalhekk il-”“legitimate expectations”” ta’ l-azzjonisti ser jigu frustrati f’kaz ta’ ezitu favorevoli fil-kawza fuq imsemmija. Inoltre, ser jinqalghu kumplikazzjonijiet kbar ghall-kumpanniji kollha u allura ghall-interessi tal-membri in generali. Inoltre, kif diga` xehed Frans Vella, l-appellanti ma riedux jirreferu l-vertenza ghall-arbitragg biex din il-kwistjoni tigi deciza malajr fl-ahjar interessi tal-membri in generali. Tali agir, jindika intenzjoni da parti taghhom li bil-passagg taz-zmien jaghmluha difficli biex ir-riorganizazzjoni tkun tista’ tigi kompletata kif kontemplat.

8.8 Il-provi jindikaw pattern fl-agir ta' l-appellanti li ghandhom il-maggoranza ta' l-ishma. Huma ma humiex jikkonducu l-affarijiet tal-kumpannija b'mod gust. Wara li nfethet il-kawza mill-appellat, l-ewwel ziedu l-ammont ta' diretturi fuq il-Bord ta' Express trailers Ltd, imbaghad nehhew lil J. M. Vella minn direttur ta' l-istess kumpanij, nehhewh ukoll minn firmatarju tac-cekkijiet u konsegwentement bdew johorgu l-flus kollha li setghu minn din is-socjeta`. Jirrizulta ghalhekk kjarament li l-iskop ta' l-appellanti huwa li jaqtghu nifs l-appellat, biex wara t-trapass ta' hafna snin anke jekk ikun hemm decizjoni favorevoli ghalih, ikun impossibbli li jigi mplimentat dak deciz permezz tar-risoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998. Li klieku l-appellati ma jridux jikkawzaw pregudizzju, imisshom jistennew l-ezitu tal-kawza precitata dwar l-ezistenza o meno tal-ftehim u ma jiddisturbawx l-istatus quo sakemm tali vertenza tigi deciza.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

9. Kif diga` gie spjegat aktar 'il fuq, l-appell odjern ma hux limitat biss ghad-decizjoni fil-meritu, izda l-konvenuti appellaw ukoll minn zewg decizjonijiet precedenti ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis kull aggravju *seriatim*. Peress li s-sottomissjonijiet tal-kontendenti gia` gew riportati *supra* b'mod estensiv, il-Qorti ma tarax il-htiega li terga' tirrepetihom ampjament.

**<u>L-APPELL MID-DIGRIET TAS-26 TA' APRIL 2002</u>**

10.1 Il-konvenuti jissottomettu li l-korrezzjoni mitluba u awtorizzata mill-Qorti ta' l-ewwel grad permezz ta' dan id-digriet, cioe` z-zieda tas- socjeta` J.M. Ltd. bhala parti fil-kawza flimkien mar-rikorrent J.M. Vella, ma taqax fil-parametri ta' dak permess mill-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghaliex hawnhekk ma kienx hemm bidla fl-isem tal-parti li intavolat ir-rikors promotur, izda bidla fil-kawza ta' l-attur, b'tali mod li Joseph M. Vella ma baqax l-uniku rikorrent fil-kaz izda zdiedet socjeta` kompletament gdida. Jinsistu li l-attur kien inqeda' bl-Artikolu 175 tal-Kap. 12 biex jissana azzjoni li ma setax jippromwovi stante li ma kellux interess

guridiku sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri gudizzjarji, u zgur ma kienx l-iskop wara dan l-artikolu li gew ssanati atti u proceduri li huma nulli jew li jista' jkollhom effett sostanzjali fuq id-difiza jew l-eccezzjonijiet ta' l-intimati. Skond l-appellanti anke l-Qorti kienet bejn haltejn dwar l-effett li seta' jkollha din il-korrezzjoni tant li qalet li waqt il-provi r-rikorrenti riedu jiccaraw liema mix-xiljiet taghhom kienet qed issir fil-konfront ta' min mill-inimati, izda dan qatt ma sart tant li huma ghadhom konfuzi dwar x'qed jigi allegat fil-konfront ta' min minnhom.

10.2 L-appellati huma tal-fehma l-opposta u jsostnu:-
(i) li l-appell ta' l-intimati minn dan id-digriet mhux proponibbli ghaliex wara li dan inghata fit-30 ta' April 2002, huma kienu irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom liema eccezzjonijiet kienet ipprovokat it-talba ghall-korrezzjoni. Din l-azzjoni da parti ta' l-intimati tammonta ghal accettazzjoni da parti taghhom tal-korrezzjoni mitluba mir-rikorrent J.M. Vella.

(ii) Mhux minnu li l-azzjoni kif proposta kienet nulla.

10.3 L-azzjoni giet proposta mhux biss kontra Express Trailers Ltd. izda anke fil-konfront ta' Vella Bros. Ltd. f'liema socjeta` r-rikorrent J.M. Vella ghandu 1/8 ta' l-ishma, u liema socjeta` ghandha il-kontroll assolut tas-socjeta` Express Trailers Ltd. (14,999 ishma minn 75,000 ishma). Jissottomettu li kienet s-socjeta` Vella Bros. Ltd. li ddecidiet permezz tar-risoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998 (Dok A a fol. 4 – 9), favur riorganizzazzjoni tal-kumpanniji ta' l-ahwa Vella u ghalhekk, ir-rimedju mitlub xorta seta' jinghata fil-konfront ta' Eman Vella Ltd. biex din ma tapprovax jew tiddistribwixxi profitti jew flus appartenenti lil/jew provenjenti mis-socjeta` Express Trailers Ltd.

10.4 Skond l-appellati l-korrezzjoni mitlub minnhom hija permissibbli stante li l-Artikolu 175 jippermetti li jissewwa' "kull zball" sakemm it-tibdil ma jbiddilx "fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza", u li fl-ezempji msemmija fl-istess artikolu jinghad li b'din il-korrezzjoni jista' "jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-

partijiet u jitqieghed iehor floku". Jissottometti li s-sustanza ta' l-azzjoni m'hijiex se tinbidel – ir-rikorrent qed jitlob li jizdied l-isem ta' socjeta` li taghha huwa beneficcjarju u li fuqha ghandu kontroll shih, l-azzjoni ghandha l-ghan li l-ahwa Vella u s-socjetajiet intimati ma jiddistribwixxux fondi; profitti jew flus ta' Express Trailers Ltd. qabel ma jkun hemm decizjoni fil-kawza bin-numru tac-citazzjoni numru 1221/01 intavolati mill-istess rikorrent. Lanqas hemm bdil fis-sustanza ta' l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza, liema eccezzjonijiet kollha gew trattati u sussegwentement decizi fis-sentenza finali tas-16 ta' Dicembru, 2003. Inoltre mhux veru li giet kreata konfuzjoni bhala rizultat tal-korrezzjoni. Fil-kaz in ezami d-decizjonijiet f'kull livell huma minsuga flimkien u decizjoni ahharija hija dik ta' l-awha Vella. Il-flus ta' Express Trailers Limited (li fiha s-socjeta` J.M. Limited hija azzjonista) qed jigu distribwiti tramite s-socjeta` Vella Brothers Limited, li taghha J.M. Vella huwa azzjonist, lill-ahwa Vella. Dan huwa l-agir li dwaru qed jilmentaw ir-rikorrenti.

11.1 Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diga` kellha l-opportunita` tispjega illi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validita` ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk iwarrab il-possibilita` ta' multiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wiesghin hafna lill-Qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti. Din id-diskrezzjoni, inoltre tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull 'sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza" (**Salem Nuri Razzewi v. il-P.L. M. Mifsud Bonnici**, deciza fis-27 ta' Frar 2004, Citazzjoni Nru. 55/89). F'kelma wahda l-Qorti tista' u ghandha tawtorizza korrezzjonijiet meta dawn ma jippregudikawx id-drittijiet tal-kontendenti. Gie infatti deciz fid-digriet moghti fil-kawza fl-ismijiet **D. Zerafa et v. Carmelo Buhagiar et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-14 ta' Lulju, 2000 illi l-provvedimenti ta' l-artikolu in kwistjoni

ghandhom jinghataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesa' u fejn hu opportun u permess mil-ligi ghandhom jigu dejjem awtorizzati anke korrezzjonijiet fl-okkju.

11.2 Din id-disposizzjoni tal-ligi giet introdotta bl-Att XXIX tal-1995 (li ssostitwixxa d-disposizzjoni precedenti) b'mod li issa l-korrezzjonijiet li jistghu jsiru huma hafna aktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995. Dan sar bl-iskop li l-ligi tigi reza aktar effikaci u mmirata lejn gustizzja sostantiva fuq il-meritu tal-kaz, minflok li tkun imxekkla minn formalizmu u rigorozita` esagerata fil-procedura. In effett, il-promulgazzjoni ta' dawn l-emendi "issanaw il-posizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sotantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizazzjoni ta' l-istess[10].

11.3 Kif korrettement spjegat il-Qorti ta' Prim Istanza l-limiti tal-poteri wiesa' moghtija mil-legislatur lill-gudikant jinsabu senjalati mill-frazi "basta li l-ebda tibdil ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni" fuq il-meritu tal-kawza. Inoltre, kif qalet l-ewwel Qorti l-fatt li l-izball kien gie msemmi fl-eccezzjoni ma hux ta' xkiel ghal akkoljiment tat-talba ta' korrezzjoni.

12.1 Din il-Qorti hija tal-fehma, bhal dik ta' qabilha, li l-korrezzjoni mitluba ma hix se ggib bidla fis-sustanza ta' l-azzjoni. In-natura ta' l-azzjoni baqghet l-istess. It-talbiet attrici huma identici ossia li l-Qorti tinibixxi jew tipprojbixxi lill-intimati milli jiddistribwixxu kwalunkwe profitti, fondi jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers sew jekk bhala 'dividends' jew b'mod iehor sakemm tigi deciza l-kawza fuq indikata u cioe` **Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et**, u l-motiv li ta lok ghall-istituzzjoni tal-kawza ma tbiddel bl-ebda mod. Ir-rikorrent ibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-Artikolu 402 ta' l-att dwar il-

[10] (**Guillaumier Industries Limited v. Reginald Fava et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru, 1998).

kumpannija u qed jitlob li flimkien mieghu tiddahhal bhala parti socjeta` li taghha huwa l-beneficcjarju u li fuqha ghandu kontroll assolut, (fatt li fuqu jaqblu l-partijiet kontendenti kollha), liema socjeta` ghandha sehem wiehed mis-socjeta` Express Trailers Limited. Ghalkemm bl-inkluzjoni ta' din is-socjeta` in apparenza qed jiddahhal rikorrent iehor, tali rikorrent huwa fil-kontroll komplet ta' J.M. Vella u ma jbiddel xejn minn dak mitlub fir-rikors promotur. Bl-istess ragjonament, lanqas jidher li d-difiza ta' l-intimati fuq il-mertu tal-kawza giet ippregudikata bil-korrezzjoni mitluba.

12.2 Jigi kjarifikat illi m'humiex korretti l-appellanti meta jghidu li "anke l-ewwel Onorabbli Qorti kienet donnha bejn haltejn dwar l-effett li seta' kellha l-korrezzjoni". Dik il-Qorti anzi kienet qalet li l-ilment ta' l-intimati li b'rizultat tal-korrezzjoni ma kenux se jiddistingwu liema mill-kawzali tirreferi ghal min mill-intimati "ma kienx misthoqq" stante li l-korrezzjoni mitluba fir-rikors tal-21 ta' Novembru 2001 (fol. 26 – 27) kienet tirrigwarda dak li intqal fit-tieni sentenza tat-tieni paragrafu tar-rikors taghhom u li ma setghetx tawtorizza t-talba li "ghal bqija tar-rikors, kwalunkwe referenza ghall-kelma rikorrent tapplika anke ghall-kumpannija J.M. Limited" ghaliex il-ligi tippermetti biss korrezzjonijiet espressi u mhux b'referenza.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat, u qed jigi michud.

## IS-SENTENZA IN PARTE TAT-12 TA' DICEMBRU 2002

13.1 L-appellanti hassewhom ukoll aggravati bid-decizjoni li biha l-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari taghhom li kienet tghid:
"jigi osservat li avolja kawza taht l-Art. 402 tal-Kap. 386, tigi promossa permezz ta' rikors, fin-natura taghha tibqa' kawza normali u m'ghandhiex in-natura ta' procedura kawtelatorja, bhal ma huwa l-kaz ta' rikorsi ghall-hrug ta' mandati li jridu f'kull kaz jigu segwiti b'kawza fil-meritu. Proceduri taht l-Art. 402 m'ghandhomx ghalfejn jigu hekk segwiti stante li huwa r-rikors promotur li fil-fatt jikkostitwixxi l-intavolar tal-kawza stess. Dan ma jfissirx li, fil-kuntest ta' kawza taht l-Art. 402 tal-Kap. 386, ir-rikorrent ma jistax jitlob rimedji intarlokutorji jew kawtelatorji; huwa

<u>fundamentali pero`, li f'kull kaz, meta jigi pprezentat rikors taht l-Art. 402, ir-rikors irid jigi trattat bhala kawza fil-meritu, u ghalhekk ir-rikorrent irid jaghmel it-talbiet finali u mhux biss dawk kawtelatorji</u>. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jitlob biss rimedju ta' natura kawtelatorja u cioe` li din l-Onorabbli Qorti "joghgobha tinibixxi jew tipprojbixxi lill-esponenti milli jiddistribwixxu kwalunkwe profitti, fondi, jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers Limited sew jekk bhala 'dividends' jew b'mod iehor sakemm tigi deciza l-kawza fuq indikata u cioe` Joseph M. Vella v. Vella Brothers Limited et (Cit. Nru. 1221/01 JRM). Bir-rispett huwa sottomess illi dan mhux permess hlief f'kuntest ta' talba sostantiva taht l-Art. 402, talba li hi ghal kollox nieqsa; ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju."

13.2 L-appellanti jsostnu li r-raguni wara din l-eccezzjoni taghhom ma kenitx li b'xi mod tillimita r-rimedji wiesa' li huma disponibbli taht din id-disposizzoni. L-azzjoni taht l-Art. 402 hija azzjoni ta' sostanza fiha nfisha li tipprovdi rimedju lill-azzjonista ta' socjeta` kummercjali li jhossu aggravat mill-operat ta' dik is-socjeta` minhabba agir oppressiv, b'mod mhux gust, diskriminatorju, jew b'xi mod mhux gust ta' pregudizzju. Ghalhekk ir-rikorrent irid jipprova dan it-tip ta' agir minn azzjonista fil-konfront ta' kumpannija jew ta' azzjonisti ohra. L-appellati kellhom jippruvaw illi l-hlas ta' dividendi kienu qed jikkostitwixxu agir projbit mill-Art. 402, prova li ma saritx. Ir-rimedji mbaghad huma disponibbli wara li jigi determinat li l-azzjoni tidhol fil-parametri ta' l-Art. 402, liema rimedji jinkludu l-possibilita` li jinghataw rimedji kawtelatorji u/jew interlokutorji. Din l-azzjoni ghalhekk ghandha tkun immirata biex tindirizza l-mertu in disputa bejn il-partijiet, u l-azzjonista ma jistax jinqeda bl-Artikolu 402 biex jikkawtela pretensjoni li hija mertu ta' kawza ohra, kif sar fir-rikors promotur. F'kaz bhal dak odjern, fejn qed tintalab biss ordni ta' natura kawtelatorja minghajr talba fuq il-mertu, l-azzjonista jista' jikkawtela l-pretensjoni tieghu, il-meritu ta' liema qieghed jigi diskuss u se jigi deciz f'kawza ohra, bl-uzu tal-mandati kawtelatorji.

14. Min-naha taghhom l-appellati jissottomettu li l-Artikolu 402 ma jiggustifikax id-distinzjoni li qed jittentaw jaghmlu l-appellanti. Izidu li b'dan l-argument l-ordni tal-Qorti ma tistax tkun limitata ghal zmien jew sitwazzjoni partikolari izda trid tkun finali jew ghal dejjem. Huma llimitaw it-talba taghhom fir-rikors promotur sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra "biex ma jmorrux oltre dak li hu necessarju". L-agir li huwa oppressiv jew ta' pregudizzju huwa li l-maggoranza minflok tistenna l-ezitu ta' dik il-kawza kif kellhom jaghmlu qed juzaw is-sahha taghhom biex jisfrattaw jew igibu fix-xejn l-"legitimate expectations" ta' l-appellat wara r-risoluzzjoni ta' l-10 ta' Gunju 1998, u/jew mill-ftehim *de quo*, u ghalhekk din it-talba mhix kawtelatorja.

15.1 Fil-fehma tal-Qorti, minn qari tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2002, fejn giet deciza t-tieni eccezzjoni mqajma mill-intimati fir-risposta taghhom ghar-rikors promotorju ma jirrizultax illi l-lanjanza ta' l-appellanti hija fondata. Kif sewwa rriteniet il-Qorti ta' l-ewwel grad, l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-kumpanniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa' lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess. Kif sewwa jissottomettu, l-argumentazzjoni ta' l-appellanti ma ssibx konfort la fil-kliem anqas fl-ispirtu tal-ligi li ma poggiet ebda limiti fuq is-sitwazzjonijiet li jaqghu fil-parametri ta' l-Artikolu 402 ta' l-Att, u fuq it-talbiet u r-rimedji li jistghu jinghataw, u dan ghaliex din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art. 459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista' jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista' jsofri, pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpannija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta' l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa

zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' possibilita` (**Vincent Monreal et v. Lino Delia noe,** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju, 1999). In fatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza fl-ismijiet **Re Bovey Hotel Ventures Ltd.**[11] li "*the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned.*"

15.2 Fil-ktieb Palmer's Company Law[12] jinghad illi din il-parti tal-ligi –
"appears to give the shareholder a procedurally easy way of complaining about 'unfair' action on the part of the controllers of his company. Part XVII is likely to be particularly heavily used in disputes arising in small companies, particularly of the 'quasi-partnership' type, and in this connection it is worth noting that, although the section is likely to be invoked by minority shareholders, it is not in terms so restricted. Situations of equality of shareholdings are thus brought within the section. Theoretically, it would even be possible for the remedies of Part XVII to be available to a majority of shareholders who complain of unfair treatment by a minority, e.g. If a minority blocks a special resolution"

15.3 Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti l-azzjonista minoritarja jista' jippromwovi l-proceduri taht l-Artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji u huwa jista' jitlob rimedju specifiku anke jekk rimedji ohra a disposizzjoni tieghu jezistu – tali rimedju, izda, jinghata biss wara li l-Qorti tisma' l-provi u tistharreg il-kwistjoni u tkun konvinta li l-att li minnu qed jilmenta r-rikorrent qed jikkawzalu jew ser jikkawzalu xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Dan kien proprju dak li ghamlu r-rikorrenti

[11] (1983) B.C.L.C. 290
[12] (Vol 1) (1987 24th Edition) (pg. 988 – 989).

fil-kaz odjern. Huma talbu rimedju specifiku stante li qed jallegaw li l-maggoranza ta' l-azzjonisti minflok qed jistennew l-ezitu tal-kawza intavolata mir-rikorrenti qed juzaw is-sahha taghhom biex jiffrustraw jew ikissru l-aspettattivi legittimi tar-rikorrenti naxxenti mir-risoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998, u/jew mill-ftehim bejn il-partijiet. Din it-talba hija in konformita` ma' dak rikjest mill-Artikolu 402 u ghalhekk l-aggravju dwarha huwa infondat.

**<u>IS-SENTENZA FINALI TAS-16 TA' DICEMBRU 2003</u>**

16.1 Jibqa' ghalhekk li jigu trattati l-lanjanzi ta' l-appellanti fir-rigward tas-sentenza finali tal-Qorti ta' l-ewwel grad fejn din ddecidiet illi "tinibixxi u tipprojbixxi lill-intimati milli b'xi mod jiddistribwixxu jew jiddisponu bi kwalunkwe profitt, fondi jew flus ohra appartenenti lill-kumpannija Express Trailers Limited sew jekk bhala dividends jew b'mod iehor, u dan zgur sakemm tigi deciza b'mod definittiv il-kawza Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et (Cit. Nru. 1221/01) sal-lum pendenti quddiem dawn il-Qrati."

16.2 L-appellanti huma tal-fehma li l-ezistenza o meno tal-ftehim huwa l-qofol tal-kawza odjerna u li dik il-Qorti ma setghetx tiddeciedi b'mod gust bla ma tezamina fil-fond fil-kwistjoni ta' l-ezistenza o meno tal-ftehim. Jillanjaw li d-dikjarazzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li l-ezistenza o meno tal-ftehim kellha tigi determinata fuq bazi *prima facie* hija msejsa fuq bazi zbaljata, ghaliex il-livell rikjest mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz ta' kawzi normali, bhal ma hija l-azzjoni taht l-Art. 402 tal-Kap. 386 huwa dak tal-preponderanza tal-provi. L-unici eccezzjonijiet f'dan ir-rigward huma fil-konfront tal-Mandat ta' Inibizzjoni u certi mandati ohra. Dan, apparti, stante li l-ezistenza o meno tal-ftehim huwa l-meritu ta' kawza ohra bejn il-partijiet, ir-rimedju mitlub taht l-Art. 402 jinghata biss, jekk ghandu jinghata, meta tigi deciza l-kawza l-ohra, li se tiddeciedi jekk hemmx ftehim li jorbot lill-partijiet jew le.

16.3 Skond l-appellanti anke li kieku dik il-Qorti setghet tiddeciedi li l-grad ta' prova applikabbli fil-proceduri odjerni kien fuq bazi *prima facie*, mill-provi prodotti xorta ma

jirrizultax li kien hemm ftehim u b'hekk id-decizjoni tal-Qorti mhux sostenuta mill-provi prodotti. Inoltre, jekk l-ezistenza tal-ftehim kellu jidher mad-daqqa t'ghajn ma kienx hemm ghalfejn l-appellati jgibu provi identici ghal dawk fil-kawza fuq il-meritu, fejn il-livell ta' prova huwa wiehed normali, izda r-rikorrenti thallew igibu provi dwar jekk kienx hemm ftehim, li ma kienu bl-ebda mod iwasslu ghad-determinazzjoni ta' jekk kienx hemm oppressjoni jew diskriminazzjoni taht l-Artikolu 402, u meta l-appellanti xtaqu jaghlu l-istess gew ristretti. Infatti wara li nghalqu l-provi tar-rikorrenti u l-kawza waslet fl-istadju tal-provi ta' l-appellanti, gie deciz li l-provi fil-kawza kellhom isiru fuq bazi *prima facie* u meta huma talbu bex itellghu xhieda ulterjuri fuq l-ezistenza o meno tal-ftehim, din it-talba giet michuda.

17. Fl-ewwel lok, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi kif korrettement gie sottomess mill-appellati fir-risposta ta' appell taghhom, il-qofol tal-proceduri odjerni ma jiccentrax dwar l-ezistenza o meno tal-ftehim li r-rikorrenti jallegaw li kien sar bejn l-ahwa Vella. L-ezistenza o meno tal-ftehim hija l-mertu tal-kawza l-ohra bic-citazzjoni numru 1221/01 li ghadha pendenti. Dawk prezenti invece huma proceduri taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dak li ghandu jigi stabbilit hawn huwa jekk jezistix dak rikjest mil-legislatur biex issir ordni taht l-artikolu msemmi – cioe` jrid jigi stabbilit jekk ir-rikorrenti kellhomx 'legitimate expectation' *qua* azzjonisti tas-socjetajiet intimati u inoltre jekk dawn kenux qed isofru xi pregudizzju, oppressjoni jew diskriminazzjoni. In effetti dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti hawnhekk huwa li l-agir li huwa ta' pregudizzju jikkonsisti filli l-maggoranza ta' l-azzjonisti, minflok ma jistennew decizjoni f'dik il-kawza dwar l-ezistenza o meno tal-ftehim li r-rikorrenti jinsistu li kien sar, qeghdin jiffrustraw il-"legitimate expectations" taghhom naxxenti mir-rizoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998, jew mill-ftehim *de quo* u johorgu flus mis-socjeta` Express Trailers Limited qabel tali decizjoni. Kien f'dan il-kuntest illi l-Qorti ta' l-ewwel grad irregistrat fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003 (fol. 208) li ghall-fini ta' dawn il-proceduri, il-livell ta' prova li qed titlob mill-partijiet huwa wiehed ta' *prima facie*.

Skond l-appellanti, kien gie dikjarat li se jigi applikat dan il-livell ta' prova fuq talba tar-rikorrenti fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2003, u wara oggezzjoni da parti taghhom. Dan izda ma jirrizultax mill-verbal tas-seduta mizmuma mill-Qorti fit-18 ta' Novembru 2003, u mhux kif jghidu l-intimati fis-6 ta' Novembru 2003 (ara nota ta' osservazzjonijiet ta' l-ntimati a fol. 261 *et seq*). L-appellanti qatt ma qajmu din il-lanjanza qabel. Anzi fin-nota responsiva taghhom, jissottomettu li ma giex sodisfatt l-oneru tal-prova skond il-ligi u jelaboraw dwar dak li hu necessarju biex jigi sodisfatt il-grad ta' prova stabbilit mill-ewwel Qorti cioe` li "ghalkemm f'<u>certi cirkostanzi</u> din tfisser grad ta' prova inqas minn dak rikjest fil-kors normali tal-proceduri gudizzjarji, fil-fatt tfisser ukoll illi r-rizultanzi tal-provi jridu jidhru mad-daqqa t'ghajn u minghajr xi analizi dettaljata tal-fatti u cirkostanzi. Zgur li l-prova *prima facie* ma tistax tirrizulta minn tigbid ta' fatti jew evidenza purament cikostanzjali bhal ma ppruvaw jaghmlu r-rikorrenti u allura <u>*prima facie*</u> ma jirrizultax li jezisti xi ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu r-rikorrenti ghandhom id-dritt jisforzaw il-qsim tan-negozju tal-Grupp Vella u jiehdu l-50% ta' l-ishma fis-socjeta Express Trailers Limited" (fol. 265 – 266).

Dan maghdud, minkejja li l-Qorti qalet li l-grad tal-prova kellu jkun wiehed *prima facie*, wiehed zgur ma jistax jinferixxi li l-Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fuq semplici possibilitajiet u minghajr ma kienet moralment konvinta minn tali konkluzjonijiet.

18. Jinghad ukoll illi l-allegazzjoni ta' l-appellanti li filwaqt li r-rikorrenti thallew igibu provi dwar l-allegat ftehim, huma ma gewx moghtija l-istess opportunita` meta xtaqu jaghmlu hekk, hija wkoll bla bazi. Jirrizulta invece li l-Qorti awtorizzat lid-difensur ta' l-intimati jipprezenta kopja ta' atti pprezentati fil-kawza l-ohra, u "fil-kuntest ta' dawk il-proceduri" cahdet biss it-talba li jigi prodott Dr. Stephen Attard biex jixhed dwar l-allegat ftehim (fol. 188). Inoltre, minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta li sar rikors mill-appellanti ghall-isfilz ta' xi dokumenti pprezentati mill-kontroparti flimkien man-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, izda ma kien hemm ebda talba da parti

taghhom biex jithallew itellghu aktar provi. Lanqas jirrizulta li saret xi opposizzjoni minnhom wara li l-Qorti cahdet it-talba biex jixhed l-imsemmi Dr. Stephen Attard.

Dawn il-lanjanzi ghalhekk huma bla bazi u qed jigu michuda.

19.1 L-appellanti jillanjaw ukoll li d-decizjoni appellata ghandha tigi revokata ghaliex il-Qorti ta’ l-ewwel grad ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-fatti ppruvati fil-kawza u dan fir-rigward kemm ta’ l-ezistenza o meno tal-ftehim kif ukoll tan-nuqqas ta’ applikabbilita` ta’ l-Art. 402 ghall-kaz odjern. Jghidu li ma jistghux jifhmu kif il-Qorti kkonkludiet illi kien hemm *prima facie* prova ta’ ftehim u dan ghaliex ghalkemm kien hemm qafas ta’ ftehim, certament ma kienx hemm qbiel dwar l-oggett – kien hemm partijiet importanti li kien ghad kellhom jigu diskussi ulterjorment. Issottomettew li l-Qorti giet mitluba tivverifka jekk kienx hemm *prima facie* ftehim u mhux ‘qafas ta’ ftehim’ jew ‘ftehim fil-principju’. ‘Ftehim *prima facie*’ ghandu jgawdi mill-erba’ elementi rikjesti mill-Artikolu 996 tal-Kap. 16, liema elementi mhux kollha kienu prezenti fil-kaz *de quo*. Huma jhossuhom aggravati bil-posizzjoni tal-Qorti li wara li qalet li kien hemm *prima facie* qafas ta’ ftehim ikkonkludiet li l-validita` o meno tal-ftehim huwa l-meritu tal-kawza l-ohra. Dan mhux il-kaz ghaliex il-kawza l-ohra tirrigwarda proprju l-ezistenza tal-ftehim u ma titrattax fuq jekk il-ftehim hux validu jew le.

19.2 L-appellanti jelaboraw li meta l-Qorti qalet li anke jekk forsi kien ghad fadal x’jigi diskuss u anke jekk dan il-ftehim ghad ifalli, fil-frattemp il-“buona fede” ghandha dejjem tezisti tul it-trattativi u tirrikjedi li ebda naha ma taghmel xi haga biex turi n-nuqqas ta’ impenn taghha li tersaq ghall-kuntratt finali – dan kollu jindika li l-Qorti ma apprezzatx li t-trattativi kien ilhom li fallew sa mill-1999 u dan nonostante li l-partijiet xtaqu jaslu ghall-ftehim, u li n-negozjati, sakemm kienu ghadhom qed isiru, dejjem tkomplew bil-“buona fede”.

19.3 L-appellanti jillanjaw ukoll li l-Qorti wara li kkonkludiet li kien hemm qafas ta’ ftehim ghaddiet biex

taghti r-rimedju mitlub minghajr ma analizzat jekk ir-rikorrenti gewx oppressi jew diskriminati skond kif jirrikjedi l-Artikolu 402. In fatti fis-sentenza la hemm indikazzjoni li seta’ kien hemm xi agir li jaqa’ fil-parametri tal-projbizzjoni ta’ l-Art. 402 u lanqas giet moghtija spjegazzjoni mill-Qorti ghaliex dehrilha opportun li taghti dan ir-rimedju. Jghidu li l-Qorti kellha tara jekk ir-rikorrenti kellhomx il-“legitimate expectations” li allegaw li kellhom. Jissottomettu li r-rikorrenti ma rnexxilhomx isostnu t-tezi taghhom li kellhom xi “legitimate expectations” fil-konfront ta’ l-intimati u dan ghaliex ma gabux prova tal-pregudizzju li allegatament sofrew bhala azzjonisti. L-appellati ppruvaw isostnu t-tezi taghhom li kien qed jipprotegi l-interessi taghhom bhala membru meta fil-fatt ippruvaw jinqdew bil-posizzjoni taghhom ta’ membri biex jippruvaw jipprotegu l-interessi personali u kummercjali taghhom bhala akkwirenti tas-socjeta` Express Trailers Ltd. Dan zgur mhux permess fl-isfond tar-rimedju kontemplat mill-Art. 402, anke jekk wiehed jipprova jinterpreta b’latitudni kbira d-duttrina Ingliza fuq is-suggett. Ghalhekk l-appellati ma kellhom ebda ‘legitimate expectation’.

20. Kif diga` gie spjegat precedentement, permezz ta’ l-azzjoni odjerna, li hija nbazata fuq l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti twaqqaf lill-intimati milli jiddistribwixxu bi kwalunkwe mod fondi jew flus appartenenti, derivanti jew provenjenti mis-socjeta` Express Trailers Ltd. sakemm ikun hemm decizjoni finali fil-kawza intavolata minnhom fejn qed tigi dibattuta l-ezistenza u l-meritu tal-ftehim. Skond huma jekk tali ordni ma ssirx ser ikun hemm pregudizzju kemm ghalihom bhala azzjonisti attwali u futuri tas-socjeta` Express Trailers Ltd. u anke pregudizzju lill-interessi tal-‘membri in generali’ li ghandhom interess jippreservaw l-assi u l-fondi kollha tas-socjeta` biex ma jigix pregudikat l-operat tal-ftehim li l-azzjonisti ta’ din is-socjeta` dahlu fih ghar-re-organizzazzjoni tal-kumpanniji. Illi, ghalhekk, huwa bizzejjed fil-kuntest ta’ din il-kawza li jigi stabbilit fuq bazi *prima facie* li kien hemm il-ftehim allegat mir-rikorrenti u dan ghaliex kif sewwa qalet il-Qorti ta’ Prim Istanza, il-Qorti ghandha poteri wiesa’ li taghti ordnijiet biex tirregola t-tmexxija ta’ l-affarijiet tal-kumpannija *fil-futur* u allura

anke li taghti dawk ir-rimedji u l-ordnijiet "li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharrga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' kunflitt fi hdan il-kumpannija".

21. Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kopjuzi tal-kawza u t-traskrizzjoni tax-xiehda prodotti mill-partijiet hija tal-fehma li *prima facie* jirrizulta li huwa verosimili li xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet kontendenti kien hemm u dan anke jekk kien ghad fadal x'jigi diskuss bejn il-partijiet biex ikunu jistghu jigu definiti dettalji bhal licenzja tal-burdnar f'isem J.M. Vella, kif inhu l-ahjar metodu li jsir it-trasferiment ta' l-ishma biex ikun 'fiscally feasable' u "non-compete obligation". Mill-provi prodotti jirrizulta qbil bejn il-partijiet li qabel ir-risoluzzjoni li ttiehdet fl-10 ta' Gunju 1998, kien ilhom snin jiddiskutu kif kien se jinqasam in-negozju bejn l-ahwa Vella u jidher li decizjoni finali kienet ittiehdet proprju fil-laqgha staordinarja tal-kumpanniji Vella Brothers Limited u Emmanuel Vella & Sons Ltd li saret fl-10 ta' Gunju, 1998. Jonathan Vella stess xehed li qabel ma nzammet din il-laqgha kien ilhom isiru negozjati twal ghal madwar tlieta jew erba' snin. Jixhed ukoll li kienu anke saru diversi valutazzjonijiet ta' l-assi u tas-socjetajiet mill-awditur biex ikun jista' jigi stabbilit x'kellu jithallas minn parti wahda lill-ohra. Ix-xhud qal ukoll li dan l-ammont kien suggett ta' diversi diskussjonijiet qabel ma giet stabbilita l-figura ta' Lm1,250,000. Jidher verosimili illi l-intenzjoni li din ir-rizoluzzjoni tkun wahda finali dwar din ir-"restructuring" tirrizulta anke minn dak li jinsab annotat fil-minuti tal-laqgha tat-8 ta' Gunju 1998, fejn jinghad illi l-laqgha "has to be adjourned to the 10$^{th}$ June at 6 pm …. in order to proceed with a final decision" (fol 6) u dan wara li l-awditur, is-Sur Anton Chetcuti Ganado, kien spjega l-proposta dwar ir-"re-structuring" u wara li tali proposti kienu gew "well deliberated in length (sic) but not voted". Tant il-partijiet kienu konsapevoli li din id-decizjoni kellha tkun finali li, nonostante li kien hemm min kien qal li ma riedx icedi l-ishma tieghu fis-socjeta` Express Trailers Ltd., u nonostante li kien hemm diskussjonijiet dwar il-proposta li kienet tghid: "the members agreed to put the motion read out by Mr. Anton Chetcuti Ganado to a vote" u r-rizoluzzjoni ghaddiet "by six (6) in favour and two (2)

abstentions" (fol 4-5). Inoltre, kif korrettement issottomettew ir-rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, f'dawn in-notamenti ma hemmx riferenza ghal dak li sostnew l-intimati ahwa Vella fl-affidavitsipprezentati li jekk ma jaqbilx kulhadd ma' jista' jsir xejn. Ghalkemm huwa veru li wara din ir-risoluzzjoni baqghu jsiru abbozzi ta' ftehim pero` dan kien qed isir biex jigu definiti d-dettalji dwar kif kellu jsir it-trasferiment ta' l-ishma, u kif jammetti l-istess Johnathan Vella, l-elementi principali imsemmija fil-proposta li tinsab esebita a fol 8-9 tal-process ma nbiddlux f'dawn l-abbozzi. Tant hu hekk, illi fl-istess risoluzzjoni intqal ukoll illi jekk ma jinstabx metodu kif jigi evitat il-hlas ta' taxxa zejda "any expenses will be borne equally between the parties", u l-process ta' ristrutturar xorta jigi kkompletat.

22. F'dan il-kuntest jigi pprecizat ukoll li ftehim ta' din ix-xorta ma hux wiehed minn dawk li l-ligi tirrikjedi li jsiru in forma iskritta *ad validitatem*. L-istess jinghad ghat-trasferiment ta' ishma fis-socjetajiet – li pero` l-partijiet jaqblu li qatt ma sar. Din il-Qorti hija tal-fehma li *prima facie* kien hemm ferm izjed minn qafas ta' ftehim, izda ftehim fih innifsu, liema ftehim, ghall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-intimati appellanti, kien diga` beda jigi implementat mill-partijiet. Dan jidher car anke fl-istatuti u r-riferenzi li kienu qed jintuzaw fid-dokumenti u l-korrispondenza tas-socjetajiet involuti, kemm bejniethom u anke mibghuta lil terzi. Li dan ir-ristrutturar tal-grupp kien fi stat avvanzat ta' implimentazzjoni huwa rifless ukoll f'dok JV12 ( a fol 226) datat 10 ta' Dicembru 2001 li huwa rapport tal-awdituri lill-membri tas-socjeta` Express Tailers Ltd ghas-sena li spiccat fil-31 ta' Dicembru 1999 fejn jinghad li kien hemm "Post Balance Sheet Event" u jigi spjegat li:-

"at the date of the report, the implementation of the re-organisation had reached an advanced stage, although there are certain important aspects which effect the company and which had not been implemented at the date thereof, there exists disagreement on aspect of the implementation which have not yet been completed".

Dan ir-rapport gie ppreparat f'Dicembru 2001, u ghalhekk wara d-9 ta' Marzu 2001, li skond Saviour Vella hija d-data li fiha nqalghet din il-kwistjoni, stante li skond ix-xhud dakinhar kellu jigi finalizzat il-ftehim bejn il-partijiet (fol 195 et seq).

23. Din il-Qorti hija tal-fehma li hemm diversi fatti li mhux biss jindikaw li huwa verosimili li kien hemm ftehim izda li dak il-ftehim kien qed jigi attwat mill-ahwa Vella u s-socjetajiet tal-Grupp Vella. Mhux kredibbli li t-trasferiment ta' l-ammont ta' Lm544,055 sar biss b'turija ta' fiducja u buona volonta` sakemm kienu ghadhom sejrin in-negozjati. L-istess ricevuti jirreferu ghall-eventwali skambju ta' l-ishma fis-socjeta` Express Trailers Ltd., Emanuel Vella & Sons Ltd. u Vella Brothers Ltd. Hemm indikat ukoll li l-flus qed jinghataw minn Frans u Joseph Vella bhala "part of the repayment program re the splitting up the Vella Group" (fol 211 – 214). Il-verzjoni ta' l-intimati appellanti dwar dan il-hlas m'hijiex verosimili.

24. Saru atti ohra li jindikaw li sahhet din il-implimentazzjoni fosthom it-trasferiment tat-"trailer yard" f'Hal-Luqa mis-socjeta` Express Trailers Ltd. lil Vella Bros. Ltd. b'kuntratt tas-7 ta' Settembru 1999 u dan wara li gie ottenut il-permess minghand sid l-art, l-Kummissarju ta' l-Art. In fatti fl-ittra mibghuta lill-Kummissarju ta' l-Art ghan-nom tas-socjeta` Express Trailers Ltd u Vella Brothers Ltd, Dr. Raphael Fenech Adami jispjega li "minhabba restructuring tal-istess socjetajiet hemm mahsub li l-art in kwistjoni tigi tghajjat lil Vella Brothers Ltd. minflok Express Trailers Ltd". Johnathan Vella jixhed li dan ma sarx b'rizultat ta' xi "re-structuring" tal-kumpanniji izda ghax kien hemm il-hsieb li l-proprjeta' kollha tal-Grupp tghaddi ghand Vella Brothers Ltd. Din ix-xiehda hija kontradetta mill-fatt li l-proprjeta` "Express House" baqghet proprjeta` tas-socjeta` Express Trailers Ltd kif kontemplat fil-proposta annessa mar-rizoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998. Inoltre, l-istess Johnathan Vella xehed li l-awditur kien ha in konsiderazzjoni l-valur tal-yard u l-fatt li dan kien se jigi trasferit minn socjeta` ghal ohra biex gie stabbilit l-ammont li ried jithallas bhall-ekwiparazzjoni mir-rikorrenti.

25. Dan apparti, jirrizulta li kien gie wkoll specifikat fil-ftehim li s-socjeta` Eyre Travel Ltd kellha tghaddi kollha fuq Vella Brothers Ltd u dan ghaliex hamsin fil-mija (50%) mill-ishma f'din is-socjeta` jappartjenu lil Express Trailers Ltd. skond kif jidher minn Dok JV 7 ittra indirizzata lil Frans Vella Joseph Vella: Entity: Express Trailers Ltd (a fol 219) s-sitt ahwa intimati appuntaw lil Johnathan Vella biex jirrapprezenta l-ishma taghhom f'din is-socjeta` u ziedu li dan ghandu "preferably be appointed to the board of directors".

26. Indikazzjoni ohra ta' din l-implimentazzjoni tirrizulta min-negozjati li kienu qed isiru dwar tariffi godda ta' 'haulage' bejn is-socjeta` Emanuel Vella & Sons Ltd. u s-socjeta` Express Trailers Ltd. Skond Johnathan Vella dan ma kellu x'jaqsam xejn mar-"re-structuring" izda sar ghaliex ir-rati li kienu qed jithallsu bejn id-diversi kumpanniji ma kienux jirriflettu r-realta` tas-servizzi rezi (fol 235) u kien hu stess li qajjem dan il-fatt fil-laqghat tas-socjeta`. Dawn in-negozjati izda bdew isiru wara li giet approvata r-rizoluzzjoni u huma indikazzjoni li s-socjetajiet ma kienux ser jibqghu parti minn grupp wiehed (fol 220-223). Minn din il-korrispondenza jirrizulta wkoll li ghalkemm Express Trailers Ltd kienet diga` sub-agent ta' Gasan Insurance, Emanuel Vella & Sons Ltd kienet talbet li hija wkoll ikollha l-istess arrangament biex tirraprezenta lil Gasan Insurance (fol 223). F'din l-ittra jinghad illi dan il-fatt "will not certainly affect our business relationship since this is for <u>both parties</u> out of our line of business".

Dan kollu jindika li kien hemm *prima facie* ftehim bejn il-partijiet li minnu setghu jitnisslu "legitimate expectations" da parti tar-rikorrenti.

27. L-appellanti mbaghad jillanjaw li l-Qorti ta' l-ewwel grad wara li kkonkludiet li kien hemm ftehim, awtomatikament tat rimedju taht l-Art 402 tal-Kap. 386 minghajr ma analizzat jekk ir-rikorrenti rnexxielhomx isostnu t-tezi taghhom li huma kellhom xi "legitimate expectation" u li huma sofrew xi pregudizzju bhala azzjonisti. Isostnu li l-fatt li l-Qorti kkonkludiet illi kien hemm ftehim ma jfissirx li r-rikorrenti kellhom

awtomatikament dritt ghar-rimedju mitlub minnhom. Jghidu li l-appellati qed jittentaw jinqdew bil-posizzjoni taghhom ta' azzjonisti sabiex jipprotegu l-interessi taghhom bhala akkwirenti potenzjali tas-socjeta` Express Trailers Ltd – izda dan ma jaqax fil-parametri tal-Artikolu 402, anke b'interazzjoni wiesgha tad-duttrina Ingliza fuq is-suggett.

28. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-interess li kellu jigi protett minn dan l-artikolu huwa interess li r-rikorrent ikollu *qua* membru, izda kif gustament kif jispjegaw l-awturi Andrew Hicks u S.H. Goo fil-ktieb Cases and Materials on Company Law ($5^{th}$ Edition, 2004):-

"In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations and obligations (re a company (No 00477 of 1986 [1986 BCLC 376; O'Neill v Phillips. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different … Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasi-partnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section" (pg. 409).

29. Fid-decizjoni **O'Neill v Phillips** moghtija mill-House of Lords fl-20 ta' Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta' dak li huwa 'fair'. Izda Lord Hoffman izid ighid li –

"Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used"[13]

Ikompli jispjega illi –
"One useful cross-check in a case like this is to ask whether the exercise of the power in question would be contrary to what the parties, by words of conduct, have actually agreed. Would it conflict with the promises which they appear to have exchanged. In Blisset vs David the limits were found in the 'general meaning' of the partnership themselves. In a quasi-partnership company, they will usually be found in the understandings between the members at the time they entered into association. But there may be later promises, by words or conduct, which it would be unfair to allow a member to ignore. Nor is it necessary that such promises should be independently enforceable as a matter of contract. A promise may be binding as matter of justice and equity although for one reason or another (for example because in favour of a third party) it would not be enforceable in law."[14]

Fl-istess decizjoni inoltre intqal li –
"The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed"

u dan wara li Lord Hoffman elabora fuq il-fatti tal-kaz partikolari u spjega li:

"The initial gift of 25 shares in 1985 did not in my view change the essential relationship between the parties. Mr. Phillips remained controlling shareholder and Mr. O'Neill remained an employee who had some shares. If at that stage Mr. Phillips has promised another 25 shares and then broken his promse, I do not think that Mr. O'Neill would have suffered prejudice in his capacity as an

---

[13] pg 413

[14] pg 418-419

existing shareholder. I agree with the Judge that the case would have been no different if Mr. O'Neill had had no shares and Mr. Phillips had broken a promise to give him so. On the other hand, once Mr. O'Neill had invested in his own money and effort in the company, the situation may have changed. A promise to give Mr. O'Neill more shares or a larger share in the profits may well have been based not merely upon his position as an employee but on the fact that he already had a stake in the company".

30. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-argumentazzjoni tista', kif esposta f'**O'Neill v. Philipps,** tapplika wkoll ghall-kaz in ezami fejn ir-rikorrenti li huma membri fis-socjetajiet intimati, kellhom "legitimate expectations" bazati fuq ir-ristrutturar kif miftiehem fir-rizoluzzjoni tal-10 ta' Gunju 1998. Huwa veru li r-rizoluzzjoni ttiehdet bhala att tas-socjetajiet Vella Bros Ltd. u Emanuel Vella & Sons Ltd. izda, l-azzjonisti ta' din is-socjeta` huma l-ahwa Vella. Huma korretti l-appellanti meta jargumentaw li l-Bord ghandu dritt li jhallas u jiddistribwixxi l-profitti lill-azzjonisti tas-socjeta` u dan ghaliex socjeta` titmexxa skond ir-rieda tal-maggoranza izda tali tqassim ma kienx parti mill-ftehim li sar bejn l-azzjonisti, b'rizultat ta' liema kellhom jigu akkwistati ishma mir-rikorrenti tas-socjeta` Express Trailers Ltd. Dan it-tqassim ta' flus jista' jwassal biex jitnaqqsu u anke jittieklu l-fondi tas-socjeta` Express Trailers Ltd bil-konsegwenza li l-"legitimate expectations" tar-rikorrenti, li sahansitra diga` hallsu ammont konsiderevoli lill-intimati kif miftiehem, jigu ffrustrati. <u>Tali agir jindika li l-intimati appellanti m'humiex qed jagixxu u jikkonducu l-affarijiet tal-kumpannija b'mod gust.</u> Jirrizulta in fatti li wara li nqalghet din il-vertenza bejn il-kontendenti l-intimati l-ewwel ziedu l-ammont ta' diretturi fuq il-Bord tas-socjeta` Express Trailers Ltd ghal sebgha, imbaghad nehhew lir-rikorrent Joseph M Vella minn direttur tas-socjeta` u anke minn firmatarju tac-cekkijiet. Sussegwentement bdew johorgu l-fondi mis-socjeta` Express Trailers Ltd. Jirrizulta sufficjentement evidenti li l-agir ta' l-intimati huwa ta' pregudizzju fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha li tipprojbixxi d-distribuzzjoni jew it-tqassim ta' kwalunkwe fondi, profitti jew flus

appartenenti lis-socjeta` Express Trailers Ltd. sakemm ikun hemm decizjoni finali fil-kawza fl-ismijiet **JM Vella et vs Vella Brothers Limited et**.

## Decide

31. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-intimati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------